# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 556/2022GG**

**Em@ney P.L.C. (C55558)**

**vs.**

**Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU), u**

**L-Avukat tal-Istat**

Illum 8 ta' April 2025.

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors**[1] **tas-socjeta' rikorrenti Em@ney plc** pprezentat quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fid-19 ta' Ottubru 2022, bis-segwenti premessi u talbiet:

> Illi s-socjeta` Em@ney Plc hija l-rikorrenti fil-proceduri fl-ismijiet "Em@ney plc vs. Korp ghall-Analizi ta' Informazzjoni Finanzjarja" li jinsabu pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Gurisdizzjoni

[1] Fol. 1 sa 20

Inferjuri). Dan wara li l-FIAU imponiet penali amministrattiva fl-ammont ta' EUR 359,339 fil-konfront tas-socjeta` Em@ney P.l.c.

**FATTI**

1. Illi l-FIAU, assistita minn FTI Consulting LLP, speċifikatament bl-indirizz 200, Aldersgate, Aldersgate Street London EC1 4HD, UK (minn issa 'l quddiem imsejħa "FTI Consulting") wettqet Compliance Monitoring Exercise li kellu l-għamla ta' 'raid', li fih id-data sħiħa li kien hemm fis-servers ġiet ikkupjata indiskriminatament.

2. Data minn servers tas-Soċjetà Rikorrenti ġiet ikkupjata għal fuq AWS (sistema cloud ta' ħażna ta' informazzjoni) u tinsab maħżuna barra minn Malta. Fl-investigazzjoni ħadu sehem persuni li la jiffurmaw parti mill-FIAU u lanqas mill-"Appointed Expert" cioe` FTI Consulting. Ġew imwettqa sensiela ta' vjolazzjonijiet tal-liġijiet ta' pajjiżna mill-awtoritajiet infushom.

3. Illi l-istruttura preżenti ta' kif sar dan l-eżerċizzju, li mhuwiex ħlief investigazzjoni, tpoġġi lill-FIAU fil-pożizzjoni ta' investigatur u prosekutur u, finalment, fil-pożizzjoni wkoll ta' imħallef.

4. Dan, naturalment, jivvjola l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta) li jiggarantixxi d-dritt għal smigħ xieraq u d-dritt għall-preżunzjoni tal-innoċenza.

5. L-FIAU qatt ma tista' tiġi meqjusa qisha tribunal indipendenti u imparzjali.

6. Illi għalkemm l-FIAU tipprova xxebbaħ l-eżerċizzju ma' audit process ("*the process is very similar to any other audit process whereby the adequacy of policies and procedures is assessed both on paper as well as in practice through sample testing*" (ara paġna 2 ittra mill-FIAU datata 23 ta' Lulju 2020, annessa mar-rikors tal-appell u mmarkata Dokument D). Fil-fatt mhux hekk ġara. Fl-ewwel lok, din kienet investigazzjoni sħiħa mibdija b''raid' veru u proprju; u fit-tieni lok, wara li tlestiet il-fażi 'on-site' u ntbagħtu l-osservazzjonijiet tal-FIAU, imkien ma kien hemm il-gradwatorja dwar penalitajiet proposti mill-FIAU jew imqar indikazzjoni tal-'penalty range' li mbagħad issemmiet fid-Deċizjoni meta kien tard wisq biex is-Soċjetà Rikorrenti tikkumenta fuqha. Fuq l-iktar parti kruċjali u importanti tad-Deċizjoni, l-FIAU la għamlet osservazzjonijiet minn qabel, u lanqas ipprovdiet linji gwida dwar il-penalitajiet li għandha misturin bejn l-erba' ħitan tal-FIAU.

7. L-imposizzjoni ta' penali amministrattiva fl-ammont ta' EUR 359,339 jista' jitqies biss bhala l-imposizzjoni ta' piena ta' natura kriminali. Illi ssir riferenza ghar-rapport CDL-PI (2021)009 mahrug mill-Kummissjoni Venezia fl-1 ta' Gunju 2021. Jirrizulta mill-imsemmi rapport illi l-kwistjoni quddiemu trid tigi ezaminata –

> "… against the backdrop of Article 39 of the Constitution, requiring, as per the interpretation of the Constitutional Court, that the proceedings which lead to the imposition of a sanction which qualifies as "criminal" in nature, may only take place before a court composed exclusively of judges or magistrates. In this respect, Article 39 of the Maltese Constitution provides stronger fair trial guarantees than Article 6 ECHR as interpreted by the European Court of Human Rights, which provides that an administrative authority can impose a "criminal" administrative penalty provided that the basic rules of due process were observed and there is judicial review of both the facts and the merits of the case."

8. Illi l-konkluzjoni l-aktar sinjifikativa ghall-kaz prezenti kontenuta fl-imsemmi rapport tal-Kummissjoni Venezia hija s-segwenti:

> "96. It follows that in the opinion of the Venice Commission the reform should be achieved through the amendment of Article 39 of the Constitution."

9. Illi dina l-konkluzjoni ma thalli l-ebda dubju illi r-rapport tal-Korp ghall-Analizi ta' Informazzjoni Finanzjarja jista' jigi impunjat, tenut kont illi fiz-zmien meta saret l-investigazzjoni bejn l-2019 u l-2021 (is-sena li fiha nhareg finalment ir-rapport tal-Korp intimat) ma saret l-ebda emenda ghall-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

10. Illi l-Kummissjoni Venezja wissiet kif gej:

> "74. Whatever option is chosen for the reform, the expectations of a fair trial in ECHR terms will continue to apply with the criminal law additions where the sanctions are punitive. However, the consequence of either the constitutional change or the statutory approach is to recognise that the protections for persons subject to heavy administrative sanctions will be reduced from that of a court under the Maltese constitutional standard to a quasi-judicial tribunal with a lower standard of proof. The availability of judicial review and an appeal into the ordinary courts, no matter how extensive, do not detract from the fact that in some cases this is a re-calibration downwards to an Art 6 standard."

11. Konsegwentement, l-validita` kostituzzjonali kemm ta' l-investigazzjoni mill-Korp intimat, mibdi b'raid, kif ukoll tar-rapport u d-decizjoni, u fl-ahharnett, tas-sanzjonijiet amministrattivi imposti mill-FIAU hija dubitata, jekk mhux ukoll diga` issigillata u rikonoxxuta, u dan peress illi, *fiz-zmien tal-investigazzjoni, decizjoni u imposizzjoni tas-sanzjonijiet ta' natura penali*, dawn ma kienux

konformi mal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Fil-fatt ghadhom hekk sallum. Dan huwa biss aspett wiehed tal-lanjanzi tar-rikorrenti Em@ney p.l.c.

12. Illi tenut kont illi l-esponenti ma kinitx infurmata, la b'mod dettaljat u lanqas b'mod mhux dettaljat, dwar is-"*sanction tool*" uzat mill-Korp intimat, ma kellhiex il-possibilta` li tissottometti argumenti biex issostni d-difiza taghha. Barra minn hekk, mitluba diversi drabi biex tinghatalha l-opportunita` li tigi mismugha f'udjenza mizmuma mill-Korp intimat, l-FIAU dejjem irrifjutat u baqghet tirrifjuta li tisma' lil Em@ney p.l.c. f'udjenza mizmuma minnha, izda fl-istess waqt semghet lill-investigaturi taghha jaghmlu l-presentazzjoni taghhom dwar il-meritu kollu u dwar rakkomandazzjonijiet fir-rigward tas-sanzjonijiet – u dan fl-assenza tal-ufficjali tal-rikorrenti Em@ney p.l.c. u b'hekk id-dritt ghal smigh xieraq giet negat lilha.

13. Fil-fatt, il-Kummissjoni Venezia kkummentat f'paragrafu 64 illi hija tqies li ma jkunux gew akkordati "*basic fair trial guarantees*" specifikament: "*in terms of being informed, of being given the possibility of submitting defensive arguments, of being heard if requested, and of lodging an appeal with suspensive effects.*" Wiehed mid-drittijiet rikonoxxuti mill-Kummissjoni Venezja huwa: "*allowing the defence to submit expert evidence disputing this*", cioe` "*explaining the basis for the size of the penalty it proposes*". Dan l-ezami kellu jsir 'a priori' u mhux wara l-imposizzjoni ta' xita ta' 10 multi amministrattivi arbitrarji. Minkejja li gie pprezentat appell, il-Korp intimat baqa' jxandar u jiccirkola t-taghrif dwar sejbien ta' htija u dwar l-imposizzjoni tal-multa ta' EUR 359,339, bhallikieku kienet "final and due". Inoltre, meta dak li jissejjah "*sanctioning power*"

jibqa' *de facto* f'idejn ir-regolatur espert, tinsorgi l-kwistjoni dwar kemm huwa jista' jitqies indipendenti jew 'ex parte'.

14. Illi l-ispezzjoni li saret mill-FIAU ma saritx minn uffiċjali tal-FIAU waħedhom peress illi dawn kienu akkompanjati minn esperti mill-kumpanija FTI Consulting (dettalji mogħtija f'para 6 ta' dan l-appell). F'ittra datata 7 ta' Ottubru 2019 iffirmata mid-Direttur tal-FIAU (hawn annessa u mmarkata Dokument H) jinghad 'inter alia' is-segwenti: "… The examination shall commence today, 7 October 2019, and shall continue until such time as it is satisfactorily completed. In the carrying out of this examination, the FIAU shall be assisted by experts from FTI Consulting LLP (UK Company Registration Number 0C372614) of 200, Aldersgate, Aldersgate Street, London, EC1A 4HD, UK (the "Appointed Expert") which has been engaged as an external expert in terms of Article 26A of the Act."

15. Illi ġrat pero` ħaga irregolari għall-aħħar: l-"Appointed Expert", u cioe, FTI Consulting, daħħal miegħu għall-on-site inspection esperti oħra li ma jiffurmawx parti mill-"Appointed Expert" FTI Consulting, u dan bi vjolazzjoni tal-prinċipju "*Delegatus non potest delegare*" – multo magis f'kamp daqshekk sensittiv fejn kull dokument maħruġ mill-FIAU f'kull paġna tiegħu għandu mmarkat "STRICTLY CONFIDENTIAL". Irid jiġi nnotat qabel xejn illi mal-wasla tagħhom fil-post, il-membri tat-team ma identifikawx ruħhom individwalment iżda sempliċement ġew konsenjati ż-żewg ittri datati 7 ta' Ottubru 2019 (u cioe, id-Dokument H kif ukoll ittra separata hawn annessa u mmarkata Dokument I) u mbagħad bdew jingħataw l-ordnijiet. Is-Soċjetà Rikorrenti spiċċat b'membri tat-team li ma kienux jiffurmaw parti mill-"Appointed Expert" FTI Consulting iduru fl-uffiċċji tal-kumpanija jiġbru d-data li riedu. Minn indaġini li saret milis-Soċjetà

Rikorrenti, irriżulta li l-persuni estraneji kienu minn kumpannija oħra fi Spanja u persuna minn Franza. Dawn il-persuni li żammew ruħhom anonimi huma Javier G. Chappell, Nicolas Delestre u Andres Gonzalez, persuni ohrajn illi qatt ma gew identifikati. Dawn la jiffurmaw parti mill-FIAU u lanqas jiffurmaw parti minn FTI Consulting (l-"Appointed Expert"), u għalhekk ma kienux awtorizzati skont il-liġi. Kuntrarjament għal dak li ġie ċċertifikat fl-ittra tas-7 ta' Ottubru 2019 (u cioe, Dokument H), dawn ma kienux jappartjenu lil FTI Consulting iżda lil FTI Consulting Spain SL. Kemm-il darba dawn elevaw id-data mingħajr il-preżenza tal-uffiċjali tal-FIAU. Dan l-aġir hu bi ksur tal-prinċipju ta' trasparenza garantit fil-General Data Protection Regulation (GDPR). Skont in-notamenti tas-Soċjetà Rikorrenti (ara paġna 86 tar-Risposta), "these employees were handling the download of data such as the Hard Drive and all emails used by the Institution and were also copying personal computers and even personal mobile phones of Em@ney employees, even though there was and is obviously a great deal of information available on these devices that do not pertain to the Institution. To date we are unaware whether such personal information contained on such devices has been destroyed, as required under the GDPR."

16. Illi skont notamenti miżmuma milis-Soċjetà Rikorrenti (ara paġna 7 tar-Risposta), "FTI copied each and every document found in the office, downloaded each and every server and computer, whether personal or otherwise. At the very start of the Review, a download of the entire server was requested from the CEO, which download was not referred to in the Report. There was understandable concern in relation to this, as the entire server contains a wealth of sensitive client data. Nevertheless, Em@ney provided such download in order to comply with their obligations at law to cooperate with the FIAU and

FTI. This download was made onto a USB key which exchanged hands between the Technical Officers and various FTI officials. Moreover, the USB where the information was stored passed through the hands of a number of officials and was not properly secured. This means that sensitive and personal information copied on the same drive may have been contaminated, and also in the worst-case scenario, copied by third parties." Is-Soċjetà Rikorrenti ma ġietx mogħtija l-ebda record dwar liema informazzjoni ġiet ikkupjata jew tagħrif dwar il-post fejn tali informazzjoni kienet ser tiġi maħżuna jew fuq liema servers u jekk hux f'Malta jew barra minn Malta, u apparti minnhekk dawn il-USB's ghamlu kopja taghhom fuq USB's ohrajn, u gew mxerda bejn l-ufficjali tal-FTI. B'hekk twettqu diversi vjolazzjonijiet tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-dritt għal ħajja privata, kif ukoll tal-Artikolu 7 tal-GDPR.

17. Illi d-database u l-informazzjoni li ġiet ikkupjata, li ma ngħatax record dwarha lis-Soċjetà Rikorrenti, ġiet ikkupjata għal fuq server li jappartjeni lil FTI Consulting u mhux lill-FIAU, fuq server li jinsab sitwat barra minn Malta f'post mhux magħruf għalis-Soċjetà Rikorrenti. Skont in-notamenti tar-rikorrent(ara paġna 8 tar-Risposta): "This is known for the simple reason that when these were being uploaded and saved by the technical officers, the CEO and CTO required to know where these were going to be saved, and it was stated that it was being saved on an AWS (Amazon Web Services) instance (server) outside of Malta, which is operated and controlled by FTI."

18. Illi l-'modus operandi' tagħhom ċaħħad lilis-Soċjetà Rikorrenti mill-possibiltà li tivverifika d-data li ġiet ikkupjata u tiżgura li tali data ma ġietx alterata (untouched and unmodified), u b'hekk is-Soċjetà Rikorrenti m'għadhiex f'pożizzjoni li tikkonferma l-evidenza li

tinġieb kontriha. Dan jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-dritt għal smigħ xieraq. Dan seħħ ukoll meta wieħed mit-technical officers qabbad il-kompjuter tiegħu man-network tas-Soċjetà Rikorrenti mingħajr ma talab ebda permess u b'hekk ppreġudika l-internal information technology tas-Soċjetà Rikorrenti. Huwa inaċċettabbli li esperti jġibu ruħhom b'dan il-mod u jikkontaminaw is-sistema tas-subject person li dwaru tkun qed issir l-ispezzjoni taħt dawk il-kundizzjonijiet stretti.

19. Illi seħħ ukoll konflitt ta' interess fil-mument meta FTI Consulting, li tipprovdi konsulenza u tipproduċi u tbiegħ Risk Compliance Software, kisbet aċċess, billi kkupjat, is-source codes tas-software tas-Soċjetà Rikorrenti u sigrieti professjonali miżmuma minnha. Dawn huma kollha vjolazzjonijiet tal-liġijiet ta' pajjiżna u d-dannu soffert huwa irreparabbli.

20. Illi filwaqt li fid-Deċizjoni tagħha l-FIAU tirreferi ghal "compliance monitoring" u "compliance audit" u b'hekk tagħti l-impressjoni li l-eżerċizzju kien wieħed ta' monitoraġġ u awditjar, fil-verità, il-proċeduri, sistemi u prattiċi użati minn FTI Consulting kien differenti ħafna minn kif ġew deskritti fid-Deċizjoni. Hekk kif l-uffiċjali tal-FIAU u l-External Experts tal-FTI Consulting waslu fl-uffiċċji tal-Rikorrenti, mingħajr preavviz, ġiegħlu lill-impjegati jgħollu jdejhom mill-keyboard u jpoġġu ż-żewġ idejn fuq il-bank ta' quddiemhom. L-investigaturi għalqu l-bibien biex ħadd ma jkun jista' jidħol jew joħroġ mill-post. Wissewhom bil-fomm u bil-miktub illi jekk jirrifjutaw ir-rikjesti taghhom dan "will have serious regulatory consequences and constitutes an offence" u li dan seta' jwassal għat-telf tal-liċenzja li is-Soċjetà Rikorrenti tippossjedi. Ċerti kmamar u cabinets ġew issiġillati permezz ta' security stickers, u baqa' jsir hekk fil-ġranet ta' wara tul

il-ġranet kollha tal-on-site visit. Fir-Rapport jingħad li ttieħed il-kontenut ta' "thirty files". Fil-verità, ġiet ikkupjata d-data kollha mis-servers u mhux tletin (30) biss kif hemm imniżżel fir-Rapport. Ġiet ikkupjata d-data kollha minn personal computers u mill-mobile phones tal-impjegati. B'hekk hemm ħafna anomaliji fir-Rapport u dan juri li r-Rapport ma jistax jitqies bhala preċiż u affidabbli; għall-kuntrarju, ir-Rapport (li fuqu hija bbażata d-Deċiżjoni) huwa proċeduralment 'flawed'. Jidher ċar li r-rapport jaħbi l-azzjonijiet, prattiċi u sistemi li ntużaw waqt dan ir-raid, naturalment, peress li dawn ma kienux konsistenti ma' proċeduri ta' awditjar kif isiru normalment.

21. Illi skont in-notamenti tas-Rikorrenti, iċ-Chief Financial Officer Designate u ċ-Chief Technology Officer "accompanied two individuals who were in charge of the downloading of data and copying of devices (hereafter referred to as the "Technical Officers") to the server from where one of the Technical Officers downloaded the database belonging to the Institution in full on a USB key" (ara paġna 3 tar-Risposta). Minn kull laptop personali u mit-telephone ċellulari privat tal-MLRO, l-external experts ikkupjaw id-data kollha indiskriminatament, inkluż mill-laptop personali taċ-Chief Technology Officer. Fil-jiem ta' wara, it-Technical Officers komplew javviċinaw impjegati tas-Rikorrenti u jikkupjaw id-data kollha tagħhom mingħajr ilkunsens tagħhom. Angela Repaci u Luca Tavolaro ma tawx il-kunsens tagħhom iżda d-data ġiet ikkupjata xorta waħda. Fl-10 ta' Ottubru 2019 saret rikjesta mill-external experts biex it-Technical Officers jingħataw aċċess biex jagħmlu kopja tal-Hard Drive. Riedu u ħadu d-data ta' ħames email addresses li ma kienux jappartjenu lill-10 kumpanija. Għal dan, il-Kap Eżekuttiv tas-Soċjetà Rikorrenti nfurmahom illi kien hemm "Third Party Data" fuq il-Hard

Drive u fl-emails u talabhom struzzjonijiet bil-miktub biex jingħata aċċess għal data appartenenti lil terzi. Skont in-notamenti tas-Rikorrenti, "FIAU and FTI declined to issue such instruction in writing, making reference to the Initial Letter, particularly the section which stated, "The officials … are hereby authorised to request information, documentation, data and records pertaining to the operations of the Company …" (ara paġna 4 tar-Risposta). Is-Soċjetà Rikorrenti kellha tikkonsenja l-Hard Drive lit-Technical Officers biex jikkupjaw id-data. Fil-11 ta' Ottubru 2019, il-Kap Eżekuttiv tas-Soċjetà Rikorrenti bagħat email lill-FIAU u FTI "registering concern that there is third party data available on the Hard Drive and Third-Party Emails. The Hard Drive was copied in its entirety". Saru ħafna abbużi ta' din ix-xorta. Wieħed mit-Technical Officers qabbad apparat man-network tas-Soċjetà Rikorrenti u meta ġie nfurmat li dan kien qed jippreġudika s-sistema tas-Soċjetà Rikorrenti, wara ftit tal-ħin għamel 'disconnection' minn man-network tas-Soċjetà Rikorrenti.

22. Illi l-Kap Eżekuttiv ġie mitlub biex jiffirma formola dwar 'Change of Custody' għall-emails li kienu tniżżlu. Huwa oġġezzjona għal dik il-parti li kienet tfisser impliċitament illi hu kien fiżikament preżenti waqt li dawn l-emails ġew 'downloaded'. L-għada l-oġġezzjoni giet milqugħa u dik il-parti ġiet mibdula u d-dokument dwar 'Change of Cusody' ġie ffirmat mill-Kap Eżekuttiv tas-Soċjetà Rikorrenti.

23. Illi fl-20 ta' Novembru 2019, l-FIAU u l-FTI infurmaw lilis-Soċjetà Rikorrenti illi l-on-site kien wasal fit-tmiem tiegħu. Skont in-notamenti tas-Soċjetà Rikorrenti, "At this meeting it was verbally stated by FIAU officials that the Review had been an ordinary audit process and not an investigation" (ara paġna 6 tar-Risposta). Dan naturalment ma kienx minnu. 26. Illi del resto, l-FIAU stess tirrapporta

kif ġej f'paġna 58 tad-Deċiżjoni: "The Committee noted that the Company was not given sufficient opportunity to represent itself adequately in relation to the instances indicated within the Report wherein the documentation was received late or was not submitted due to the lack of indication of the specific instances where this shortcoming occurred. Whilst the Committee's members do not doubt the findings indicated in the Report, they unanimously agreed that in light of the fact that the Company did not have the possibility to understand to which cases reference was being made in the Report and to therefore provide proper representations in respect thereto, the findings in relation [to] these 27 instances shall not be pursued further."

24. Illi dan indubbjament ifisser li n-nuqqas ta' opportunità adegwata għall-eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża huwa fatt mhux kontestat mill-FIAU fil-kuntest ta' dak li qed jingħad.

25. Illi r-riżultat miksub invarjabbilment ikun jiddependi mill-metodu adoperat. Fil-każ preżenti, il-metodi u prattiċi abbużivi u llegali adoperati mill-FIAU, mill-FTI Consulting u mit-technical officers mhux awtorizzati, li fuqhom hija bbażata idDeċiżjoni, jivvizzjaw ir-riżultanzi.

26. Illi minħabba l-obbligu li wieħed jikkopera mal-investigaturi, taħt sanzjonijiet fin-nuqqas li wieħed jagħmel dan, il-prinċipju dwar il-Presunzjoni tal-innoċenza u, iktar u iktar, il-prinċipju tal-*Privilege against self-incrimination* ġew ippreġudikati serjament. Dawn il-prinċipji huma garantiti mill-Konvenzjoni Ewropeja, mill-Kostituzzjoni ta' Malta u miċ-Charter of Fundamental Rights tal-Unjoni Ewropea.

27. Illi għalkemm l-FIAU qalet illi “The said Committee [cioe, il-Compliance Monitoring Committee tal-FIAU] is an enforcement mechanism and is therefore separate and distinct from the supervisory arm of the Unit, with the officers who would have carried out the compliance examination only allowed to present the case but no more” (ara 12 Dokument D, gia anness) l-uffiċjali tas-Rikorrenti ma kienux preżenti meta saret tali preżentazzjoni lill-Compliance Monitoring Committee tal-FIAU. Illi sussegwentament, il-Compliance Monitoring Committee ddeċieda fuq il-ħtija tas-Soċjetà Rikorrenti mingħajr qatt ma ta l-opportunità lill-uffiċjali tas-Soċjetà Rikorrenti biex jidhru quddiemha u jinstemgħu. Minkejja li saret talba biex is-Soċjetà Rikorrenti tinstema’ mill-Compliance Monitoring Committee, it-talba ġiet miċħuda. In verita`, l-investigaturi u l-Compliance Monitoring Committee flimkien jagħmlu l-FIAU. Barra minn hekk, il-liġi tħares lejn l-FIAU bħala entità waħda u mkien ma ssemmi l-eżistenza tal-Compliance Monitoring Unit. Għalhekk, is-Soċjetà Rikorrenti ġiet iddikjarata ħatja ta’ nuqqasijiet minn Kumitat mhux imwaqqaf b’liġi, ta’ Korp imwaqqaf b’liġi - li hija sitwazzjoni anomala – tenut kont tal-enfasi magħmula fl-imsemmija ittra illi l-Kumitat u l-investigaturi huma separati u distinti minn xulxin.

28. lli lanjanza oħra tirrigwarda l-bidla fil-liġi li seħħet fil-mori tal-compliance monitoring exercise. Skont is-sit elettroniku tal-FIAU – “Amendments to the Prevention of Money Laundering Act – Cap 373”: “Act No. 1 of 2020 introduces a number of amendments to the Prevention of Money Laundering Act, Cap 373 of the Laws of Malta. These amendments came into force on the 7th February 2020, upon the publication of the said Act No. 1 of 2o2o in Government Gazette No. 20,344.” Ikompli b’dan it-taghrif: “Previously, penalties could

only be published on the FIAU website upon becoming final and due. The FIAU is now granted the power to publish such penalties upon their notification to the subject person, even in cases where the subject person appeals the penalty in terms of Article 13A. However, the publication notice shall clearly state whether the penalty is still subject to such an appeal, and, if such an appeal is filed, the publication notice shall be duly updated to reflect this fact and further updated to state the outcome of the proceedings upon their conclusion." Ara estratt mis-sit elettroniku tal-FIAU f'dokument hawn anness u mmarkat Dokument J.

29. Illi fil-każ odjern, l-FIAU qabdet u ppubblikat id-Deċiżjoni l-għada li ngħatat u lanqas biss niżżlet avviż illi s-Rikorrenti kellha d-dritt li tappella mid-Deċiżjoni. Il-ħsara hija permanenti peress li għalkemm l-avviż dwar id-Deċiżjoni jiġi mtella' darba, il-pubblikazzjoni tibqa' fis-seħħ fuq bażi kontinwata stante illi s-'search engines' huma pprogrammati b'mod li l-bombardament ta' tixrid tal-aħbar ma jieqafx. B'hekk in-numru ta' utenti tal-aħbar jibqa' jiżdied kull ġurnata li tgħaddi. Il-ħsara b'hekk hija permanenti u irreparabbli.

30. Illi anke l-applikazzjoni ta' proċedura mhux favorevoli għas-'subject person', bħal fil-każ preżenti, tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-prinċipju li għandha tiġi applikata l-liġi l-iktar favorevoli għas-'subject person'. Sanzjoni amministrattiva effettiva, skont il-kriterji msemmija fis-sentenza *Engel* (ECHR) hija ekwivalenti fis-sustanza għal sanzjoni penali. Għalhekk, għal tali sanzjonijiet penali għandhom jiġu applikati, kemm skont il-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll skont iċ-Charter of Fundamental Rights, il-garanziji tad-Dritt Proċedurali Penali, jiġifieri d-drittijiet tad-difiża. Konsegwentement, jekk il-proċedura użata tkun dik żbaljata u tapplika

sanzjoni li tkun iktar gravuza, bħal meta d-Deċiżjoni tiġi ppubblikata qabel ma din issir finali kif ġara fil-każ odjern, dan jikkostitwixxi piena li diġa` qed tiġi applikata qabel ma l-penali imposta tkun saret dovuta ("upon becoming final and due"). Dik il-piena amministrattiva hija waħda kontra l-liġi. B'dina l-piena amministrattiva imposta qabel il-waqt, is-socjeta` Rikorrenti sofriet ħsara enormi u irreparabbli. Diversi klijenti u fornituri diġa` itterrompew jew itterminaw ir-relazzjonijiet kummerċjali mas-Rikorrenti b'effett immedjat. Din il-proċedura illegali, kwindi, minħabba li ġġib magħha effetti punittivi, m'għandhiex issegwi l-prinċipju normali *tempus regit actum* (u cioe`, l-applikazzjoni taghha fil-mument tal-esekuzzjoni), iżda l-prinċipju l-ieħor *favor rei*.

31. Illi issa, iżda mhux qabel is-7 ta' Frar 2020, l-FIAU għandu s-setgħa li jippubblika s-sanzjonijiet mill-mument meta s-'subject person' jiġi notifikat bid-deċiżjoni, anke fil-każijiet fejn dik il-persuna tkun qed tikkontesta l-penali jew sanzjoni amministrattiva a tenur tal-Artikolu 13A tal-Att. Huwa fatt inkontrovertibbli illi meta l-investigazzjoni nbdiet fis-sena 2019, l-FIAU ma kellhiex din is-setgħa. Għalhekk, il-każ kellu jiġi ttrattat taħt il-liġi l-antika, cioe` qabel ma ġiet emendata fis-7 ta' Frar 2020. Ta' min jgħid hawnhekk illi l-investigazzjoni kienet tinteressa fatti li jirrisalu għal żminijiet iktar bikrija (per eżempju, 2015, 2016, 2017 u 2018). Il-liġi kif emendata ma setgħet qatt tiġi applikata għall-każ odjern. Issir riferenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ *Scoppola*.

32. Illi huwa ċar li l-Compliance Monitoring Committee tal-FIAU fid-Deċizjoni tiegħu injora kompletament ir-rappreżentazzjonijiet kollha tas-Soċjetà Rikorrenti firrigward ta' ksur ta' drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali (ara paġni 11 sa 22 tar-Risposta

f'Dokument B). Minflok ma daħlet fil-mertu ta' kull lanjanza, hija illimitat ruħha biss għal żewġ paragrafi qosra fejn ma tagħmel l-ebda referenza għad-diversi punti mqajjma f'għaxar paġni tar-risposta tas-Soċjetà Rikorrenti. Dan il-fatt minnu nnifsu juri biċ-ċar illi id-Deċiżjoni hija vizzjata talli l-Compliance Monitoring Committee lanqas biss ikkunsidra r-rappreżentazzjonijiet tas-Soċjetà Rikorrenti f'dan l-aspett meta kellu l-obbligu li jikkunsidrahom.

33. Illi għaldaqstant, l-lanjanza tas-Soċjetà Rikorrenti ghandha tirrizulta, fid-dawl tas-suespost, in kwantu t-trattament tas-Soċjetà Rikorrenti waqt il-compliance audit, il-proċess u d-deliberazzjonijiet li wasslu għad-deċiżjoni, id-decizjoni fiha nnifisha, kif ukoll il-pubblikazjoni tad-deċizjoni kienu kollha kemm huma leżivi tad-drittijiet fundamentali garantiti mill-Konvenzjoni Ewropeja, tad-drittijiet u imħarsa mill-Kostituzzjoni ta' Malta, u wkoll leżivi tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali. Għaldaqstant, id-deċizjoni appellata għandha tkun iddikjarata nulla u bla effett.

34. Fil-kaz odjern, minhabba li l-process sar barra `l Qorti, il-Korp intimat ma talabx u ma kisibx l-awtorizzazzjoni minn qabel minn awtorita` gudikanti biex jaghmel ir-'raid'. Huwa xieraq li jigi senjalat illi l-kelma "spezzjoni" tintuza fejn din issir bil-kunsens tal-Persuna Soggetta, mentri l-kelmiet "search" jew "raid" jintuzaw fejn it-tfittxija ssir minghajr ma jintalab il-kunsens tal-Persuna Soggetta. Issa kieku l-ligi Kap 393 kien jirrikjedi l-awtorizzazzjoni minn qabel minghand awtorita` gudikanti, dan kien iservi biex jillimita d-diskrezzjoni tal-FIAU. Minghajr ebda awtorizzazzjoni gudizzjarja, id-diskrezzjoni tal-Korp intimat hija minghajr limitu jew mizura.

35. Barra minn hekk, il-kontroll "ex ante" hu mahsub bil-ghan li jipprevjeni intruzjoni kontra l-ligi fl-isfera privata tal-persuna (fizika

jew guridika) u tal-proprjeta` taghha. Izda, ladarba l-intruzjoni kontra l-ligi tkun sehhet, per ezempju, fejn dokumenti personali jkunu gew ikkupjati jew fejn dokumenti appartenenti lil terzi jkunu gew ikkupjati, dik l-intruzjoni kontra l-ligi ssir irriversibbli. Barra minn hekk, f'certi kazijiet, l-awtorizzazzjoni "ex ante" tista' ma tkunx bizzejjed biex tipprevjeni interferenza pubblika bi ksur tal-ligi fid-drittijiet fundamentali tal-Persuna Suggetta li ghandha tkun sehhet l-intuzjoni. Fil-kaz prezenti, l-azzjonijiet investigattivi tal-ufficjali tal-Korp intimat u l-esperti ta' barra, kemm dawk awtorizzati kif ukoll dawk mhux awtorizzati, kienet tmur `lil hinn minn dak li hemm kontemplat fil-ligi. Dan jispjega ghala l-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem kemm-il darba ddikjarat l-intruzjoni li tkun sehhet bhala parti minn raid, tfittxija jew spezzjoni bhala vjolazzjoni tal-Konvenzjoni anke meta tkun giet awtorizzata gudizzjarjament. Mela kemm iktar issehh vjolazzjoni tal-Konvenzjoni meta t-tfittxija ma tkunx awtorizzata minn awtorita` gudikanti?

36. Ne bis in idem: Illi fid-29 ta' Ottubru 2020 is-*Sanctions Monitoring Board* imponiet multa ta' tmien mitt Euro (EUR800) fuq is-Rikorrenti minħabba nuqqasijiet fl-AML/CFT rules – fuq l-istess każijiet, fuq l-istess files u fl-istess ċirkostanzi. Jidher biċ-ċar illi is-sanzjoni illi dan is-*Sanctions Monitoring Board* impona fuq is-Rikorrenti huwa ibbażat fuq l-istess *compliance review*, illi sar mill-FIAU, u dan kif jidher fiċ-ċar mill-korrespondenza datata 16 ta' Lulju 2020 mibgħuta mill-istess *Sanctions Monitoring Board* (hawn annessa u mmarkata **Dokument K)** kif ukoll mid-deċiżjoni tal-istess *Sanctions Monitoring Board* komunikata nhar id-29 ta' Ottubru 2020 (hawn annessa u mmarkata **Dokument L**).

37. Dan is-*Sanctions Monitoring Board* jsemmi biċ-ċar illi din is-sanzjoni qed tingħata għat-termini tal-FIAU *Compliance Visit* u dan jiġi rilevat kemm fl-ewwel ittra mibgħuta mis-Sanctions Monitoring Board fis-17 ta' Lulju, 2020, fejn tghid "*The Sanctions Monitoring Board makes reference to the on-site examination carried out by the FIAU on 07 October through 10 November 2019*" (*ara d-Dokument K, gia anness*), fl-e-mail mibgħuta fid-29 t'Ottubru, 2020 fejn is-Sanctions Monitoring Board informa lir-rikorrenti li kien qed jikkomunika deċiżjoni: "*The Sanctions Monitoring Board refers to its comunication to Em@ney P.L.C. dated 17 July 2020 following the on-site visit conducted by the Financial Intelligence Analysis Unit (FIAU) between 07 October through 10 November 2020.*" (Ara d-Dokument L *gia anness*).

38. Illi, fl-istess deċiżjoni tas-*Sanctions Monitoring Board* (*ara d-Dokument L*) jissemmew l-istess "twenty-seven customer files" li nsibu msemmija f'paġna 58 tad-Decizjoni bhala "27 instances", kif ukoll l-istess "*on-going screening*" u l-istess "*on-boarding stage*". Qed tiġi annessa wkoll ittra datata 2 ta' Novembru 2020 li is-Soċjetà Rikorrenti bagħatet lis-*Sanctions Monitoring Board*, fejn l-istess soċjetà tagħmel riferenza għall-multa illi hija rċiviet u illi hija ħallset bil-ħsieb illi din is-sanzjoni kienet tinkorpora s-sanzjoni fl-intier tagħha għar-rapport magħmul mill-FIAU. Illi għaldaqstant, l-impożizzjoni ta' penali mill-FIAU dwar fatti u ċirkustanzi preċiżament identiċi għal dawk eżaminati mis-Sanctions Monitoring Board imur kontra l-prinċipju bażiku "*ne bis in idem*", cioe` illi iktar minn awtorita` waħda tista' qatt tagħti iktar minn sanzjoni waħda minhabba l-istess rapport (ara l-imsemmija ittra fid-dokument hawn anness u mmarkat **Dokument N**).

39. Illi hawnhekk issir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs. Rosaria Portelli**" ċitata fin-Lecture Notes tal-Professur Sir Anthony Mamo fejn jittratta l-principju ta' '*ne bis in idem*': "*In any such case if the agent is tried for any one of the several violations of law arising out of that fact, be it even the least serious, and a judgment is given, it shall not be lawful to subject the agent to another trial for the more serious violations.*" Iż-żewġ proċedimenti jirreferu għall-istess fatti , u hemm ħafna 'overlapping' ta' fatti fiż-żewġ proċedimenti. L-ebda persuna ma għandha tiġi penalizzata darbtejn jew esposta għal żewġ proċedimenti (*double jeopardy rule*) fuq l-istess fatti.

40. Illi dan kollu huwa iktar u iktar sinnifikattiv fil-kuntest ta' Recital 59 tal-AML Directive (Direttiva 2015/849) implementata lokalment permezz tar-Regolamenti Kontra Money Laundering u Finanzjar Ta' Terroriżmu (S.l 373.01) li tipprovdi speċifikament: "*Fit-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet u miżuri amministrattivi f'konformità ma' din id-Direttiva u ta' sanzjonijiet kriminali f'konformità mal-liġi nazzjonali ma tmurx kontra l-prinċipju ta'* ***ne bis in idem****.*"

41. B'decizjoni mehuda fl-4 ta' Mejju 2022, il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) cahdet it-talba ghal Riferenza Preliminari lill-Qorti tal-Gustizzja ghall-Unjoni Ewropeja:

Tqis ukoll illi fil-parti l-kbira tagħhom il-mistoqsijiet proposti mis-soċjetà appellanta jikkonċernaw kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem u/jew il-validità ta' Liġi Maltija, li mhumiex kwistjonijiet li qegħdin jiġu trattati f'dawn il-proċeduri, liema kwistjonijiet lanqas ma jistgħu jinstemgħu minn din il-Qorti għaliex imorru lil hinn mill-kompetenza tagħha. Ir-risposti għall-mistoqsijiet li s-soċjetà appellanta qiegħda tipproponi li jsiru, ma jaffettwawx id-deċiżjoni li eventwalment trid tiehu din Qorti billi tapplika l-liġi viġenti.

Għar-raġunijiet suesposti, tiċħad it-talba.

42. L-art. 39(1) tal-Kost. jirrikjedi li meta persuna tkun akkuzata b'reat kriminali, dik il-persuna ghandha tigi moghtija smigh xieraq fi zmien ragonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi. Proceduri bhal dawn m'humiex proceduri ta' natura civili izda ta' natura penali. Ghalhekk l-art. 39 (1) tal-Kostituzjoni u l-parti tal-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja li tirrigwarda proceduri kriminali japplikaw.

Illi hemm il-htiega assoluta illi kwistjonijiet ta' natura penali jigu sindakati u decizi biss minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi, u mhux minn xi Bord, enti jew awtorita`.

a. Il-Korp mhuwiex awtorita` indipendenti u imparzjali. Il-Korp inghata s-setgha li jinvestiga kif ukoll is-setgha li jimponi pieni amministrattivi – u allura li jiggudika lill-persuni soggetti.

b. Il-kap tal-Korp m'ghandux 'security of tenure' bhall-gudikanti.

c. Il-fergha tal-Korp li tinvestiga u taqdi r-rwol ta' prosekutur, u l-fergha li tevalwa u tiddetermina l-htija u l-piena, mhumiex indipendenti minn xulxin.

d. Il-Korp ma jzommx u ma pprezentax records li fihom jigu registrati d-deliberazzjonijiet u l-konsiderazzjonijiet maghmula mill-fergha tal-Korp li ghandha tevalwa u tiddeciedi dwar dak li tkun investigat u evalwat il-fergha l-ohra tal-Korp. Il-persuna soggetta tircievi kommunikazzjoni imhejji minn dawk li jkunu ghamlu l-investigazzjoni, izda ffirmat mill-kap, jigifieri c-Chairman tal-Korp.

e. L-esercizzju dwar evalwazzjoni tal-fatti u determinazzjoni tal-htija u piena jsir minghajr struttura jew qafas gudikanti ghax il-persuni li jkunu qeghdin jaghmluh m'humiex Imhallfin jew Magistrati. Il-Korp jigbor kollox hu u jiddeciedi kollox hu, mill-bidu sal-ahhar tal-process, salv id-dritt ta' appell.

f. Il-Korp ma jismax xhieda. Fil-fatt, lanqas biss jappunta seduta ghas-smiegh tal-provi u ghad-dibattiment orali.

g. Il-Korp ma jaghtix il-gurament ghall-iskop tal-gbir tal-provi u fatti.

h. Il-Korp ma jhallix li jsir kontroezami ghax fil-fatt ma jkunx hemm xhieda.

i. Il-Korp ma jhallix li jigu mharrka xhieda in difesa b'subpoena.

j. Il-mod kif tikkonkludi dwar il-htija m'huwiex bhall-mod kif Qorti tikkonkludi dwar il-htija.

k. B'danakollu, id-decizjoni tal-Korp ghandha l-istess effetti u konsegwenzi bhal sentenza ta' qorti fi prim istanza – avolja m'huwiex qorti.

l. Illi l-Korp huwa awtorita` pubblika li tagixxi bhala regolatur, investigatur, prosekutur u qorti fl-istess hin u fuq l-istess materja u fil-konfront tal-istess persuni soggetti.

m. Illi l-Korp jiddeciedi fuq akkuza ta' natura penali li jkun fassal u ghamel huwa stess, u dan hu ksur tar-regola ta' gustizzja naturali "nemo judex in causa sua". Tista' l-Pulizija l-ewwel tinvestiga u tixli persuna, imbaghad tiddikjaraha hatja bhallikieku l-Pulizija kienet il-Qorti?

n. Illi l-fatt li l-Korp jiddeciedi fuq akkuza penali maghmula minnu stess jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-principju dwar il-parita` tal-armi (Equality of arms principle).

o. Illi t-thaddim tal-ligi applikabbli tpoggi lill-persuna soggetta f'pozizzjoni ta' htija abbazi ta' l-investigazzjoni li tkun saret mill-Korp, imbaghad jispetta lill-persuna soggetta li tiskolpa ruhha, wara li tipprova tifhem sewwa l-mod kif il-Korp ikun wasal ghal dik il-konkluzjoni dwar il-htija. Dan wara li l-Korp stess ikun iddetta l-mod kif kellha tigi kondotta l-investigazzjoni. Dan hu kapovolgiment tar-regola kardinali dwar il-piz u l-grad ta' prova, illi 'min jakkuza jrid jipprova', u mhux il-kuntrarju.

p. Illi l-fissazzjoni tal-pieni amministrattivi jsir b'mod mill-iktar arbitrarju, u l-pieni huma bbazati fuq kriterji li jistghu jigu murija li huma mhux biss apparentement - u mhux realment - ordinati, izda wkoll addirittura misrapprezentazzjoni ta' dak li suppost jirrapprezentaw, kif ser jigi muri ahjar u fid-dettal waqt il-proceduri.

q. Illi l-appell mid-decizjoni tal-Korp ma jistax jissana dawn il-problemi strutturali li hemm marbuta mal-Korp u dan peress li l-Qorti tal-Appell (Inferjuri) mhix il-qorti kompetenti biex tiddeciedi kwistjonijiet kostituzzjonali.

r. Illi konsegwentement, il-qafas legislattiv u t-thaddim tal-ligi jilledu serjament id-dritt ghal smiegh xieraq, fost drittijiet ohra garantiti.

s. Illi barra minn hekk, il-pubblikazzjoni tal-multa li giet inflitta fuqhom, fuq is-sit elettroniku tal-FIAU, meta ghad m'hemm l-ebda decizjoni finali peress li l-appell dwar id-decizjoni tal-FIAU ghadu pendenti, ukoll jilledi d-drittijiet fundamentali tas-socjeta` rikorrenti.

**Ghaldaqstant l-esponenti Em@ney P.l.c.titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:**

1. **Tiddikjara illi d-dispozizzjonijiet tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghtu s-setgha lill-FIAU li timponi penali amministrattivi tilledi d-dritt ghal smiegh xieraq garantit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319).**

2. **Tiddikjara illi t-thaddim tal-istess ligi u tas-setghat li hemm imsemmija fil-ligi u li gew moghtija lill-FIAU ukoll jilledu d-dritt ghal smiegh xieraq garantit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319).**

3. **Tiddkjara illi l-mod ta' kif l-FIAU esegwiet dawn is-setghat jilledi wkoll id-dritt fundamentali tal-esponenti, fosthom l-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni li jipprovdi protezzjoni lid-dritt ghal privatezza, u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-dritt ghal privatezza.**

4. **Tiddikjara illi dan kollu premess ma jipprovdix rimedju adegwat lill-persuna soggetta, u dan jilledi l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja li jiggarantixxi d-dritt ghal rimedju effettiv.**

5. **Tiddikjara nulli u bla effett id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta li jivvjolaw id-drittijiet fundamentali imsemmija.**

6. **Tiddikjara nulli u bla effett l-proceduri fl-istadji kollha maghmula fil-konfront ta' Em@ney Plc sa mill-ewwel 'raid' li ta' bidu ghall-investigazzjoni li ntemmet bid-decizjoni li biha gew imposti serje ta' penali amministrattivi.**

7. **Tiddikjara nulli u thassar ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi d-decizjoni kif ukoll kull penali li giet imposta bl-imsemmija decizjoni.**

8. **Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, ihallsu d-danni materjali u danni morali ghall-ksur tad-drittijiet fuq imsemmija fil-konfront tal-esponenti;**

9. **Taghti kull provvediment jew rimedju iehor li din il-Qorti thoss li huwa Opportun.**

Rat id-dokumenti[2] annessi mar-Rikors promotur.

Rat ir-**Risposta tal-intimat Avukat tal-Istat**[3], ipprezentata quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fit-22 ta' Novembru 2022, li permezz tagħha wiegeb:

Illi preliminarjament, il-kumpanija rikorrenti għandha tispeċifika eżattament liema disposizzjonijiet tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta qegħdin allegatament jilledulha d-drittijiet fundamentali tagħha;

2. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju, dawn il-proċeduri huma intempestivi għaliex il-kumpanija rikorrenti ma

[2] Fol. 21 sa 317
[3] Fol. 320 sa 326

eżawrixxietx ir-rimedji ordinarji qabel ma ntavolat din il-kawża kostituzzjonali speċjali. L-esponent jenfasizza li proċeduri kostituzzjonali ma jistgħux jieħdu post il-proċeduri ordinarji li għandhom dejjem jiġu utilizzati l-ewwel u qabel kollox. Fil-fatt, il-multa amministrattiva mogħtija mill-Korp Għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) qiegħda tiġi kkontestata quddiem il-Qorti tal-Appell skont l-artikolu 13A tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma jistax f'dan l-istadju jingħad li r-rikorrenti m'għandhiex rimedju xieraq meta l-appell għadu mhux konkluż. Għalhekk l-esponent umilment jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrifjuta milli teżerċita s-setgħat tagħha u dan skont id-disposizzjonijiet tal-proviso Artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 u fid-dawl ta' sensiela ta' sentenzi li ġew deċiżi ai termini ta' dawn l-artikoli;

3. Illi preliminarjament ukoll u bla preġudizzju għall-paragrafi preċedenti, l-esponent jeċċepixxi li l-ilmenti kollha tal-kumpannija rikorrenti ma jistgħux jiġu meqjusa fil-parametri tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan peress li l-ilmenti tagħha ma jmissux ma' akkużi jew proċeduri kriminali.[4] Dawk id-disposizzjonijiet li jimponu multa fuq il-kumpanija rikorrenti ma jwasslu għad-determinazzjoni tal-ebda reat jew akkuża kriminali. Fil-fatt, minkejja l-effetti serji li deċiżjoni tal-Korp intimat jista' jkollha fuq ir-rikorrenti, ma jfissirx li n-natura ta' tali pieni hija waħda kriminali. Għalhekk, il-kumpannija rikorrenti ma tistax tinqeda bl-

[4] Dan ġie ukoll ikkonfermat minn din l-istess Qorti diversament presjeduta fil-kawża Keith Schembri et vs Avukat Ġenerali et deċiża nhar it-23 ta' April 2021.

artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta sabiex tħassar dawk il-liġijiet u/jew il-proċeduri amministrattivi li nbdew taħthom;

4. Illi in linea preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju, l-esponent jissolleva li l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni, huma mproponibbli u inapplikabbli kemm għaliex hawn qed nitkellmu dwar kumpanija li la għandha ħajja privata, la familja u lanqas dar; kif ukoll għaliex ai termini tal-artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni u l-artikolu 38(2) tal-Kostituzzjoni, il-Korp intimat huwa obbligat bil-liġi li tirregolah u huwa raġonevolment meħtieġ li jagħmel spezzjonijiet u dan sabiex jiġu evitati u/jew mikxufa reati kriminali;

*Mertu*

5. Illi mingħajr preġudizzju għall-paragrafi preċedenti, it-talbiet fil-mertu tal-kumpanija rikorrenti għandhom jiġu miċħuda *in toto* fil-fatt u fid-dritt peress li ċ-ċirkostanzi tal-każ assolutament ma jirrappreżentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikoli 39 u 38 tal-Kostituzzjoni, lanqas ai termini tal-Artikolu 6, 8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

6. Illi jrid jiġi enfasizzat li skont l-artikolu 26 tal-Kap. 373, il-Korp huwa responsabbli biex jiżgura li persuni suġġetti bħalma hija l-kumpannija rikorrenti, iħarsu d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 373

u tar-regolamenti magħmulin taħtu fil-qies li dawn ikunu japplikaw għalihom. L-irwol tal-Korp għal dak li għandu x'jaqsam dan il-każ, huwa dak ta' *supervisor* u l-proċess eżerċitat mill-Korp fil-każ odjern huwa wieħed purament amministrattiv, fejn il-Korp ikun eżegwixxa eżerċizzju ta' monitoraġġ intensiv sabiex jevalwa jekk il-mod kif il-kumpannija rikorrenti aġixxiet fil-konfront tal-klijenti tagħha kienx konformi ma' dak rikjest mir-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu (L.S. 373.01). Il-Korp jimponi multi amministrattivi meta persuna ma timxix skont ir-regolamenti msemmija;

7. Illi huwa l-obbligu ta' kull kumpannija li taħdem f'dawn is-setturi speċjalizzati li timxi *ad unguem* ma' tali regolamenti. Meta wasal għad-deċiżjoni tiegħu, il-Korp ħa in konsiderazzjoni wkoll il-Proċeduri ta' Implimentazzjoni li kienu fis-seħħ fiż-żmien in kwistjoni;

8. Illi skont id-disposizzjonijiet tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-liġi sussidjarja maħruġa taħt l-istess Att, tidher ċara wkoll id-distinzjoni bejn il-proċeduri kriminali li jiġu mmexxija mill-Pulizija u l-proċeduri amministrattivi li huma mmexxijin mill-Korp. Fil-fatt fl-ewwel Taqsima tal-Kap. 373, l-artikoli minn 3 sa 11A huma ddominati mill-proċeduri kriminali; iżda mbagħad huwa l-artikolu 13 li jifred: is-sanzjonijiet kriminali (li jinkludu multi u priġunerija) mogħtija minn Qorti, mill-pieni amministrattivi mposti mill-Korp (vide l-artikolu 13(2));

9. Illi skont id-disposizzjonijiet tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-liġi sussidjarja maħruġa taħt l-istess Att, il-Korp intimat huwa mogħni bis-setgħa li joħroġ pieni amministrattivi fil-konfront ta' min jinstab li ma mexiex mal-liġijiet li jipproteġu l-użu tas-sistemi finanzjarji mill-ħasil tal-flus. Dan, bl-ebda mod ma jimplika li allura l-Korp intimat qiegħed jiddetermina jew jiddeċiedi reati kriminali;

10. Illi hija l-liġi Maltija stess li tgħid li dawn il-proċeduri huma ta' bixra amministrattiva u mhux kriminali. Fil-fatt, l-artikolu 13A tal-Kap. 373 isemmi li: "*Kull meta persuna suġġetta tħoss ruħha aggravata b'piena amministrattiva imposta fuqha mill-Korp kif ikun hemm fir-regoli u regolamenti magħmulin taħt l-artikolu 13, u dik il-piena amministrattiva tkun ta' iżjed minn ħamest elef euro (€5,000), sew jekk din tkun imposta dwar xi kontravvenzjoni waħda jew aktar, ilpersuna suġġetta tista' tappella minn dik il-piena amministrattiva kemm fuq punti ta' liġi u fuq il-mertu*."

11. Għalhekk la hija l-liġi stess li tqis dawn il-proċeduri bħala ta' għamla amministrattiva, il-garanziji proċedurali li skont il-Kostituzzjoni ta' Malta jgħoddu għall-proċeduri kriminali ma jistgħux jiġu mġebbda wkoll għal dawn il-proċeduri amministrattivi. F'dan il-kuntest tapplika tant tajjeb il-massima latina - *A verbis legis non est recedendum*;

12. Illi għal dak li jirrigwarda l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, it-test u l-implikazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni

Ewropea huwa għal kollox differenti minn dak tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

13. Illi b'referenza għall-artikoli tal-Kap. 373 u r-Regolament 21 tar-Regolamenti maħruġa taħt il-Kap. 373, il-kumpannija rikorrenti trid, l-ewwel u qabel kollox, tipprova li dawn is-sanzjonijiet huma forom ta' pieni ta' natura kriminali fl-ambitu tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni skont il-kriterji stabbiliti fis-sentenza Engel u oħrajn v. L-Olanda tat-8 ta' Ġunju 1976. Hawnhekk, tajjeb li wieħed jgħid li fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem minn dejjem inżammet id-distinzjoni bejn pieni li jaqgħu fil-kategorija ta' *"hard core of criminal law"* u *"cases not strictly belonging to the traditional categories of the criminal law"*;

14. Illi l-esponent jenfasizza li dawn il-proċeduri mhumiex ta' natura kriminali jew piena li taqa' fil-parametri ta' *"hard core of criminal law"*, allura ma hemmx għalfejn li fl-ewwel istanza l-proċeduri jitmexxew quddiem qorti. Dan ifisser allura li ma hemmx konflitt mal-prinċipji tal-jedd ta' smigħ xieraq li ċertu sanzjonijiet jiġu imposti fl-ewwel istanza minn organu amministrattiv li mhux ġudizzjarju (ara Jussila v. il-Finlandja deċiża fit-23 ta' Novembru 2006 u Hüseyin Turan v. It-Turkija deċiża fl-4 ta' Marzu 2008) u li jkollu setgħat kemm investigattivi u kemm li jagħti deċiżjonijiet (ara Janosevic vs. L-Isvezja deċiża fil-21 ta' Mejju 2003);

15. Illi l-fatt li pieni amministrattivi jistgħu jilħqu ammonti ta' flus kbar, ma jbiddel xejn mill-fatt li dawn jistgħu jiġu mposti minn

awtoritajiet amministrattivi (ara Bendenoun v. Franza tal-24 ta' Frar 1992). Sakemm id-deċiżjoni tal-organu amministrattiv tkun tista' tiġi mistħarrġa minn awtorità mogħnija b'funzjonijiet ġudizzjarji, allura ma hemm l-ebda problema mal-ħtiġijiet tas-smigħ xieraq. Fil-fatt, skont l-Artikolu 13A tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, id-deċiżjoni tal-Korp intimat tista' tiġi attakkata quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), kemm fuq punti ta' liġi u fuq il-mertu u quddiem il-Qorti tal-Appell, jekk tali qorti tħoss il-ħtieġa, tista' wkoll tisma' xhieda;

16. Illi jibqa' l-fatt li peress li fil-każ preżenti l-Appell mid-deċiżjoni tal-Korp għadu ma ġiex deċiż, għalhekk wieħed ma jistax jitkellem fuq sanzjonijiet fil-konkret iżda fuq konġetturi u dan m'għandux jiġi aċċettat;

17. Illi jibqa' jiġi ribadit li kwalunkwe piena amministrattiva li tista' teħel il-kumpannija rikorrenti, jekk kemm-il darba din tiġi kkonfermata mill-Qorti tal-Appell, ma tistax titqies bħala piena eċċessiva jew sproporzjonata;

18. Illi għal dak li jirrigwarda l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preliminari rigwardanti dawn l-artikoli, l-esponent josserva li l-kumpanija rikorrenti ma elaborat xejn dwar din ix-xilja u b'liema mod l-intimat avukat tal-istat seta' ndaħlilha fi ħwejjiġha jew fil-ħajja privata tagħha jew tal-familja tagħha. Minkejja dan, anki jekk din l-Onorabbli Qorti ssib li ssussista tali ndħil, dawn kienu spezzjonijiet leġittimi u neċessarji sabiex il-Korp

intimat jaqdi dmiru skont il-liġi li tirregolah u jara li l-kumpanija soġġetta għal tali spezzjoni tkun qed taderixxi mal-liġi u li l-iskrutinju tant meħtieġ minn tali kumpaniji fir-rigward tal-klijenti tagħhom, ikun qed isir kif inhu meħtieġ. Għalhekk, dan l-ilment għandu jiġi mwarrab ukoll;

19. Għal dak li għandu x'jaqsam id-dritt għal rimedju effettiv skont l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni, l-esponent jisħaq li l-kumpannija rikorrenti ma ġiet imċaħħda minn l-ebda rimedju jew azzjoni quddiem awtorita` nazzjonali - fil-fatt permezz ta' dawn il-proċeduri, wieħed mir-rimedji li għandha l-kumpanija rikorrenti qiegħed fil-fatt jiġi utilizzat minnha;

20. Illi fid-dawl tal-eċċezzjonijiet preċedenti, l-ilmenti posti mill-kumpannija rikorrenti, b'mod speċjali dwar kif tmexxa l-proċess investigattiv li wassal lill-Korp biex jieħu d-deċiżjoni fondata tiegħu, ma jiksru l-ebda dritt fundamentali msemmi mir-rikorrenti u għalhekk ċertament li l-ebda kumpens jew rimedju ieħor m'għandu jiġi mogħti lill-kumpannija rikorrenti;

21. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kollha kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-kumpannija rikorrenti ma sofriet l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fondamentali, id-deċiżjoni tal-Korp għalhekk kienet u

tibqa' valida u konsegwentement l-ebda forma ta' kumpens mhu dovut u dan bl-ispejjeż kontra l-istess kumpannija rikorrenti.

**Rat ir-Risposta tal-intimat Korp ghall-Analizi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU)**[5], ipprezentata quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fit-22 ta' Novembru 2022, li permezz taghha wiegeb li:

1. Illi fl-ewwel lok jigi eccepit illi r-rikors promotur huwa irritu u null stante l-fatt li l-lanjanzi kontenuti fl-istess diga gew dikjarati frivoli u vessatorji mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) permezz tad-digriet taghha tas-26 ta' Novembru, 2021 moghti fil-kors tal-appell fl-ismijiet *Em@ney p.l.c. vs Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja* (54/20201LM). Ara f'dan is-sens *Alfred Attard vs Avukat Generali*, 6 ta' Mejju 1992, Qorti Kostituzzjonali.

2. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi eccepit illi r-rikors promotur huwa wkoll irritu u null billi, in kwantu ghal dak li jirrigwarda l-lanjanzi tar-rikorrenti dwar il-Ligi innifisha, u t-talbiet relattivi, ir-rikorrenti tonqos milli tispecifika liema huma d-disposizzjonijiet tal-Ligi li allegatament jilledu d-drittijiet fondamentali taghha. Ir-rikorrenti taghmel biss referenza generika ghall-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr ma tidentifika liema huma l-artikoli fil-ligi li qed jigu kontestati. Ara f'dan is-sens *Pauline Cilia vs L-Avukat Generali*, 27 ta' Frar 2019, Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali).[6]

3. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Korp esponent umilment jissottometti illi r-rikorrenti ghandha rimedju ordinarju effettiv ghad-disposizzjoni taghha a tenur tal-artikolu 13A tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi dritt ta' appell mhux biss fuq punti ta' ligi, izda anki fuq il-mertu tad-decizjoni ta-Korp. Fil-fatt ir-rikorrenti ghazlet li tuzufruwixxi ruhha minn dak ir-rimedju u intavolat l-appell taghha a tenur tal-imsemmi artikolu 13A, liema appell ghadu pendenti. Ghalhekk f'dan l-istadju, ir-rimedju ordinarju disponibbli ghar-rikorrenti ghad mhuwiex ezawrit.

---

[5] Fol. 327 sa 340

[6] Mhux appellata.

Ghaldaqstant il-Korp esponent umilment jissottometti illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tirrifjuta illi tesercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali taghha kif jikkontemplaw l-provisos tal-artikolu 46(2) ta-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319.

4. Illi fil-fatt ir-rikorrenti stess tammetti fir-rikors promotur taghha illi *"s-socjeta' Em@ney Plc hija r-rikorrenti fil-proceduri fl-ismijiet "Em@ney plc vs Korp ghall-Analizi ta' Informazzjoni Finanzjarja" li jinsabu pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Gurisdizzjoni Inferjuri). Dan wara li l-FIAU imponiet penali amministrattiva fl-ammont ta' EUR359,339 fil-konfront tas-socjeta' Em@ney Plc."* Ir-rikorrenti kienet talbet li ssir referenza kostituzzjonali mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) li qieghda prezentement tisma' l-imsemmi appell taghha intavolat a tenur tal-artikolu 13A. Dik l-Onorabbli Qorti cahdet it-talba ghal referenza kostituzzjonali permezz tad-digriet ta' nhar is-26 ta' Novembru, 2021 fejn inghad is-segwenti:

*"9. Tqis ukoll li d-deċiżjoni tal-Korp appellat tat-28 ta' April, 2021 li minnha qegħda tilmenta l-appellanta, għadha mhijiex waħda finali u definittiva u hija soġġetta għal dan l-appell, li qiegħed isir a tenur tal-artikolu 13A tal-Kap. 373. Il-Qorti tqis ukoll li l-appell odjern jista' jkollu l-eżitu li l-penali amministrattiva imposta mill-appellat FIAU tiġi mħassra għal kollox, u għalhekk it-talba għal Referenza Kostituzzjonali f'dan l-istadju, tista' titqies li hija intempestiva. Il-Qorti tqis li l-appellant għandu rimedju ordinarju effettiv ai termini tal-artikolu 13A tal-Kap. 373, u għalhekk għadhom disponibbli għall-appellant mezzi xierqa ta' rimedju għall-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha kif ikkontemplat fil-provisos għall-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tas-subartikolu 4(2) tal-Kap. 319.*

*10. Għalhekk tqis li t-talba għal Riferenza Kostituzzjonali magħmula f'dan l-istadju, hija frivola u vessatorja, tenut kont ukoll li r-rimedju li għadu miftuħ għas-soċjetà appellanta bir-rikors tal-appell tagħha, jestendi mhux biss fuq punti ta' liġi, imma anki fuq il-mertu. Tqis ukoll li ladarba r-rimedju ordinarju għadu mhux eżawrit, is-soċjetà appellanta għad għandha l-opportunità li tikseb dak li trid permezz ta' rimedju ordinarju kontemplat mil-liġi.*

*11. Tqis ukoll li ladarba is-soċjetà appellanta għażlet li tressaq il-każ tagħha quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) taħt l-artikolu 13A tal-Kap. 373, u saħansitra talbet li tiġi awtorizzata tressaq il-provi tagħha f'dawn il-proċeduri, liema talba ġiet milqugħha minn din il-Qorti, hija m'għandhiex tqajjem kwistjonijiet ta' indoli kostituzzjonali*

*f'dan il-forum, u jekk tassew riedet tilmenta dwar is-siwi kostituzzjonali u konvenzjonali tal-imsemmija liġi, imissha għamlet dan billi ressqet kawża kostituzzjonali mill-ewwel. Jekk l-appellanta wara l-eżitu ta' dawn il-proċeduri tal-appell jidhrilha li t-tħaddim tal-liġi fil-konfront tagħha, illeda l-jeddijiet fundamentali tagħha, m'hemm xejn xi jżommha milli tressaq kawża kostituzzjonali biex tattakka l-piena amministrattiva.*

***Għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, tqis illi t-talba għal riferenza kostituzzjonali li saret mis-soċjetà appellanta, hija intempestiva, frivola u vessatorja, u għalhekk tiċħad it-talba.***"

In vista ta' dan ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-Korp esponent umilment jistieden lil din l-Onorabbli Qorti tirrifjuta li tesercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali taghha kif jikkontemplaw l-provisos tal-artikolu 46(2) ta-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319.

5. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi eccepit illi l-azzjoni odjerna hija wahda intempestiva billi d-decizjoni tal-Korp esponent fil-konfront tar-rikorrenti ghadha qieghda tigi kkontestata permezz tal-appell hawn fuq imsemmi. Ladarba r-rikorrenti ghazlet li tintavola appell, hija ghandha tistenna li dak l-appell jiehu l-kors kollu tieghu billi f'dan l-istadju ghad ma hemm l-ebda decizjoni finali. Jekk sa llum ghadu qed jigi dibattut quddiem il-Qorti tal-Appell jekk is-sanzjoni hux ser tigi kkonfermata jew le, wiehed ma jistax f'daqqa wahda jinsa' li potenzjalment dik is-sanzjoni tista' tigi ikkonfermata jew imhassra u jghaddi biex jara jistax jannulla dik il-multa in bazi ghal ksur ta' ligi specjali dwar drittijiet fundamentali (haga li tippresupponi li l-multa giet diga' kkonfermata u ma baqa' l-ebda rimedju ordinarju iehor taht il-ligi ordinarja). Dan in linea wkoll mal-provvediment sucitat tal-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri).

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi eccepit illi in kwantu ghal-lanjanzi immirati lejn il-Ligi innifisha, il-Korp esponent m'huwiex il-legittimu kontradittur peress illi huwa jaqdi l-funzjonijiet tieghu fil-parametri stabbiliti u determinati mil-Ligi u b`mod imparzjali u indipendenti minn kull entita' jew awtorita' ohra u f'dan is-sens il-Korp ma jistax jinstab illi jikser ebda drittijiet fondamentali tar-rikorrenti. Il-kwistjoni dwar jekk il-Ligi twassalx ghall-ksur ta' dritt fundamentali jew le tista' tigi imwiegba biss mill-Avukat tal-Istat u mhux mill-Korp esponent.

7. Illi fi kwalsiasi kaz u kompletament minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ebda disposizzjoni tal-Kap 373, jew tar- regoli, regolamenti jew proceduri sussidjarji, u lanqas id-decizjoni tal-Korp jew is-sanzjoni amministrattiva konsegwenti, jew addiritura l-process amministrattiv li wassal ghall-istess, ma jilledu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti.

8. Illi dejjem minghajr pregudizzju, ghal dak li jirrigwarda kif mexa il-Korp, jigi eccepit illi l-Korp esponent ma ghamel xejn hlief mexa mal-Ligi u ghalhekk ma jistax jinstab responsabbli ta' xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

9. Illi fi kwalsiasi kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra hawn sollevati, il-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regoli, regolamenti u proceduri sussidjarji huma lkoll derivanti minn Ligi tal-Unjoni Ewropea u ghalhekk il-legislatur Malti huwa marbut bir-rekwiziti tal-istess fit-trasposizzjoni tad-Direttivi in kwistjoni. F'dan ir-rigward wiehed ghandu jqis il-principju generali abbraccat mill-Qrati Ewropej illi l-Ligi Kommunitarja hija prezunta bhala konformi mad-drittijiet fondamentali u fi kwalsiasi kaz, japplika il-principju ta' supremazija tal-Ligi Kommunitarja. Fil-fatt l-obbligi relattivi u l-inforzar tal-istess huma lkoll in linea mal-obbligi internazzjonali tal-Istat Malti, inkluz il-Ligi Ewropea kif gia inghad, u obbligi internazzjonali ohra inkluz ir-rakkomadazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea, tal-European Banking Authority u l-Financial Action Task Force.

10. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju, dawk il-garanziji li japplikaw biss fil-kamp kriminali skond l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (il-"Konvenzjoni"), ma jsibux applikazzjoni fil-kaz odjern billi l-Korp esponent ma jaghmel l-ebda determinazzjoni ta' natura kriminali, izda jiddetermina biss kwistjonijiet amministrattivi. Il-process adoperat mill-Korp esponent huwa strettament amministrattiv u s-sanzjoni imposta mill-Korp hija amministrattiva.

11. Illi minghajr pregudizzju l-esponent lanqas ma jaqbel li wieħed għandu jirreferi għall-ġurisprudenza dwar l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni biex jiddeċiedi jekk proceduri amministrattivi għandhomx jitqiesu li qed jiddeterminaw kwistjoni penali jew le ghall-fini tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ir-regim legali tal-Konvenzjoni u

dak tal-Kostituzzjoni huma separati u distinti minn xulxin u ghandhom implikazzjonijiet għal kollox differenti. Ghalhekk it-test applikat mill-Qorti Ewropea tad-Drittiijiet tal-Bniedem biex tevalwa din il-kwistjoni ghall-fini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni mhuwiex identikament trasferibbli ghad-dritt Kostituzzjonali.

12. Illi fi kwalsiasi kaz u dejjem minghajr pregudizzju, il-*quantum* tas-sanzjoni m'hijiex l-unika kunsiderazzjoni li ghandha tigi meqjusa meta wiehed jigi biex jiddetermina in-natura tas-sanzjoni. L-imsemmija sanzjoni la tista' twassal ghal restrizzjonijiet fuq il-liberta' tal-persuna, u lanqas tista' tigi riflessa fil-fedina penali ta' persuna. Inoltre s-sanzjoni hija intiza biss bhala deterrent u mhix ukoll punittiva, u ebda sanzjoni hekk imposta ma hija konvertibbli fi prigunerija. Il-*quantum* ghandu jkun konsidrat ukoll fil-kuntest tal-vjolazzjonijiet regolatorji kommessi u tan-natura tal-Persuna Suggetta relattiva; evidentement sabiex sanzjoni amministrattiva tkun effettiva, jehtieg illi jkun hemm element ta' proporzjonalita' relattivament ghac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Dawn kollha huma fost varji fatturi importanti li jissottolineaw in-natura amministrattiva tas-sanzjoni in kwistjoni.

13. Illi dejjem minghajr pregudizzju, il-Kap 373 u r-regoli u regolamenti sussidjarji huma lkoll derivanti minn Ligi tal-Unjoni Ewropea, li espressament tikklassifika s-sanzjonijiet in disamina bhala sanzjonijiet amministrattivi u mhux penali.

14. Illi ghalhekk il-garanziji tal-kamp kriminali li qieghda tipprova tinvoka r-rikorrenti ma jsibux applikabbilita' fil-kaz odjern u f'dan is-sens ma jista' jkun hemm ebda ksur ta' dawk il-garanziji kif sanciti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni in kwantu si tratta dwar proceduri ta' natura amministrattiva.

15. Illi r-referenza tar-rikorrenti ghar-rapport tal-Kummissjoni Venezja tal-1 ta' Gunju, 2021[7] hija ghal kollox irrelevanti. Bl-akbar dovut rispett, huma biss din l-Onorabbli Qorti u l-Qorti Kostituzzjonali li ghandhom l-awtorita' jippronunzjaw ruhhom dwar il-konformita' ta' ligi mal-Kostituzzjoni ta' Malta. Terga' u tghid, ir-rikorrenti tikkwota dak li jidhrilha mir-rapport tal-Kummissjoni Venezja u tislet

[7] CDL-PI(2021)009.

konkluzjonijiet li, mhux talli ma sarux fir-rapport, izda talli gew espressament eskluzi mill-Kummissjoni. Fil-fatt fl-istess rapport il-Kummissjoni Venezja espressament tghid hekk:

*41. **The Commission wishes to stress at the outset that its role is not to assess whether such reform is necessary or appropriate. This choice falls within the sovereignty of the Maltese authorities and people. Further, the question of whether the proposed amendment of the Interpretation Act is compatible with the Constitution of Malta as interpreted by the constitutional case-law is for the Constitutional Court of Malta to decide, eventually.** The Commission therefore will only provide its analysis of the two pending options in the light of the European standards and of the European experience. It hopes, in so doing, to contribute constructively to the public discussion in view of the final decision which will be taken by parliament.* (enfasi mizjud)

Dan il-punt fil-fatt huwa tant krucjali ghal dak ir-rapport tal-Kummissjoni Venezja illi aktar 'il quddiem fir-rapport rega gie ritenut kif gej :

*94. **The Venice Commission's role is not to assess whether the reform in question is necessary or appropriate. This decision falls within the sovereignty of the Maltese authorities and people. Further, the question of whether the proposed amendment of the Interpretation Act is compatible with the Constitution of Malta as interpreted by the constitutional case-law is for the Constitutional Court of Malta to decide, eventually.** The Commission therefore will only provide its analysis of the two pending options in the light of the European standards and of the European experience. It hopes, in so doing, to contribute constructively to the public discussion in view of the final decision which will be taken by Parliament.* (enfasi mizjud)

Ghalhekk il-konkluzjoni tar-rikorrenti li r-rapport tal-Kummissjoni Venezja b'xi mod jikkonferma illi kien hemm xi ksur tad-drittijiet fondamentali kif garantiti mill-Kostituzzjoni, hija ghal kollox erroneja ghaliex il-Kummissjoni ma ezaminatx dik il-kwistjoni, li fuq kollox lanqas ma ghandha l-poter li tezamina. Dak il-poter huwa rizervat ghal dawn il-Qrati u hadd aktar.

16. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju, il-Korp esponent huwa enti independenti, awtonomu u imparzjali u l-process adoperat minnu jissodisfa r-rekwiziti ta' smiegh xieraq. Il-Korp ghandu struttura li tiggarantixxi li min qed jiddeciedi dwar il-ksur tal-obbligi legali mill-Persuni Suggetti u dwar l-imposizzjoni ta' miżuri amministrattivi, inkluż pieni amministrattivi, igawdi indipendenza u imparzjalita' u li ma jkunux l-istess individwi li jkunu ghamlu l-*compliance visit.* Mhux minnu li l-istess persuni qed jagixxu ta' regolaturi, investigaturi, prosekuturi u qorti fl-istess kaz, kif qieghda tallega r-rikorrenti fir-rikors taghha. Inoltre l-Korp esponent f'kull stadju ta lir-rikorrenti l-opportunita' shiha li tiddefendi ruhha u tressaq il-kaz taghha, kif fil-fatt kellha kull opportunita' li taghmel.

17. Illi fi kwalsiasi kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Korp esponent jagixxi bhala Regolatur a tenur tal-Kap 373 billi jissorvelja lill-Persuni Suggetti sabiex jassigura l-konformita' taghhom mal-obbligi kollha relattivi li huma intizi sabiex l-imsemmija Persuni Suggetti ma jigux utilizzati minn terzi ghall-finijiet ta' hasil ta' flus jew finanzjar ta' terrorizmu. Dan huwa dover impost fuq il-Korp mil-Ligi stess, li tirrikjedi li l-Korp jimponi l-multi amministrattivi appoziti f'kaz ta' ksur tal-imsemmija obbligi. L-interess tal-Korp *qua* Regolatur huwa biss l-osservanza tal-disposizzjonijiet tal-Ligi u l-prevenzjoni ta' hasil ta' flus u finanzjar ta' terrorizmu. Ghalhekk ukoll il-Korp esponent huwa ghal kollox independenti u imparzjali wkoll in kwantu l-unika interess illi huwa ghandu huwa propju l-osservanza tal-Ligi.

18. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi eccepit illi l-Artikolu 13A tal-Kap 373[8] jaghti rimedju adegwat sabiex jigi assigurat id-dritt tas-smiegh xieraq. A tenur tal-imsemmi Artikolu 13A, il-Persuna Suggetta li fuqha tkun giet inflitta sanzjoni, ghandha opportunita' li tressaq il-kaz **kollu** taghha – kemm fuq punti ta' fatti, u kif ukoll punti ta' ligi – quddiem Qorti mwaqqfa bil-Ligi u moghnija bil-garanziji kollha ta' indipendenza u imparzjalita'. Dan ifisser li d-dettami tal-jedd ghal smiegh xieraq jinsabu pjenament sodisfatti. Ir-

[8] 13A.(1) *Kull meta persuna suġġetta tħoss ruħha aggravata b'piena amministrattiva imposta fuqha mill-Korp kif ikun hemm fir-regoli u regolamenti magħmulin taħt l-artikolu 13, u dik il-piena amministrattiva tkun ta' iżjed minn ħamest elef euro (€5,000), sew jekk din tkun imposta dwar xi kontravvenzjoni waħda jew aktar, il-persuna suġġetta tista' tappella minn dik il-piena amministrattiva* ***kemm fuq punti ta' liġi u fuq il-mertu***. [enfasi mizjud]

revizjoni tad-decizjoni tal-esponent mill-Qorti tal-Appell hija garanzija sufficjenti ta' smiegh xieraq fir-rigward tas-sanzjonijiet amministrattivi imposti mill-Korp.

19. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju l-lanjanzi tar-rikorrenti jridu jittiehdu fil-kuntest tas-smigh li hija qieghda tinghata fil-kawza taghha u mhux jigu ezaminati *in vacuo* jew fuq mera spekolazzjoni. Ghalhekk l-ewwel u qabel kollox, ghandu jigi ezawrit il-process tal-appell ghaliex inutili li wiehed iqis dawn l-argumenti *a priori* imma jrid l-ewwel u qabel kollox jigi deciz l-appell biex wiehed ikun verament jista' jqis jekk is-smiegh li nghata lill-kaz tar-rikorrenti kienx adegwat u gust. Il-kaz tal-appell ma spiccax bid-decizjoni tal-Korp esponent izda ghad hemm pendenti appell li jfisser li s-smiegh tal-kaz ghadu ghaddej. Jekk fis-smiegh tal-appell taghha r-rikorrenti tkun nghatat smiegh xieraq, allura inutili li minn issa r-rikorrenti tghid li ma kellhiex access ghal process xieraq. Fil-fatt l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), li qieghda tisma' l-appell amministrattiv tar-rikorrenti, qieghda prezentement tisma' l-provi tar-rikorrenti. Fil-fatt ir-rikorrenti diga ressqet bhala xhud lil Germano Arno u l-intendiment kien – qabel ma tressqet din il-kawza – li jkomplu jinstemghu l-provi li r-rikorrenti jista' jidhrilha li ghandha xi tressaq.

20. Illi minghajr pregudizzju, anke qabel id-decizjoni tal-Korp, ir-rikorrenti nghatat l-opportunita' kollha li tressaq il-provi, dokumenti u sottomissjonijiet kollha li dehrilha necessarji qabel ma' l-Korp esponent wasal ghad-decizjoni tieghu u ghalhekk kellha opportunita' shiha ghal smiegh xieraq anke meta l-kaz kien qed jinstema' mill-Korp. Ir-rikorrenti kienet involuta f'kull stadju tal-process u giet provduta bl-informazzjoni shiha biex tkun tista' tiddefendi ruhha b'mod effettiv, inkluz billi giet fornuta b'dettall estensiv dwar il-vjolazzjonijiet potenzjali qabel ma giet mitluba tressaq ir-rappresentazzjonijiet taghha. Tant hu hekk li r-rappresentazzjonijiet tar-rikorrenti kienu jlahhqu mad-97 pagna, oltredokumenti estensivi esebiti!

Il-procedura tal-Korp hija wahda regolatorja, fejn il-Korp jitlob access ghall-proceduri u dokumenti tal-Persuna Suggetta biex ikun jista' jiddetermina jekk hijiex qieghda taderixxi ruhha mal-obbligi taghha dwar il-prevenzjoni tal-hasil ta' flus u finanzjar ta' terrorizmu. F'dak

il-punt inizzjali ma kien hemm xejn li l-Korp seta' jinforma lir-rikorrenti bih hlief li huwa ser jezamina l-konformita' o meno mal-obbligi regolatorji li jinkombu fuqha. Il-fatt biss li bil-ligi l-Korp esponent ghandu s-setgha li jitlob il-produzzjoni ta' informazzjoni jew dokumentazzjoni u li jiehu kopji u jezamina l-istess sabiex jara jekk dik il-Persuna Suggetta hix konformi mal-obbligi taghha, ma jfissirx li b'daqshekk ikun sehh xi ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq jew xi inverzjoni ta' prova jew xi ksur ta' presunzjoni ta' innocenza kif qed tallega r-rikorrenti. Il-Korp gabar dokumenti tar-rikorrenti biex jezamina l-konformita' taghhom mal-ligi, u hekk kif kien hemm indikazzjoni ta' illegalita', din giet komunikata dettaljament lir-rikorrenti sabiex hija tkun tista' taghti l-posizzjoni taghha. Dik il-komunikazzjoni kellha indikazzjoni cara ta' dawk il-fatti li kien jidher li setghu kisru l-ligi u ghalhekk ir-rikorrenti kellha l-opportunita' li twiegeb qabel ma ttiehdet decizjoni, liema decizjoni hadet kont shih ta' dawk ir-rappresentazzjonijiet. Anke fl-istadju tal-appell ma jistax jinghad illi hemm xi ksur tal-principju li "min jallega irid jipprova" ghaliex f'dak l-istadju l-Korp ikun diga ressaq il-kaz tieghu dettaljament, kif kontenut fid-decizjoni u kif jirrizulta mid-dokumenti tar-rikorrenti stess.

21. Illi r-rikorrenti donnha tilmenta li d-decizjoni tal-Korp ma qiesitx il-lamenteli Kostituzzjonali u Konvenzjonali li hija ressqet fir-rappresentazzjonijiet. Bl-akbar rispett, il-Korp m'huwiex il-forum li fih jigu dibattuti kwistjonijiet ta' dak it-tip u l-Korp ma jistax jarroga ghalih innifsu gurisdizzjoni fuq materja bhal din. Il-Korp ghalhekk ma setghax jaghti decizjoni fuq dawk l-allegazzjonijiet izda jillimita ruhu biex japplika u jimplementa l-ligi u ghalhekk qies dettaljament ir-rappresentazzjonijiet tar-rikorrenti dwar il-mertu. Fi kwalsijasi kaz certament li ma sehh ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti jekk il-Korp esponent ma qiesx il-lamenteli Kostituzzjonali u Konvenzjonali taghha, billi l-Korp ma kienx kompetenti biex jisma' allegazzjonijiet bhal dawk. Dan kollu qed jinghad minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra inkluz dawk preliminari dwar in-nullita' tar-rikors odjern u inkluz dawk koncernanti l-fatt li ma sehh l-ebda ksur tal-ebda dritt fundamentali tar-rikorrenti.

22. Illi fil-paragrafu 23 tar-rikors promotur, ir-rikorrenti tikkwota parti mid-decizjoni tal-Korp, minghajr ma taghti kuntest, bl-intiza li tiehu xi vantagg mhux floku mill-mod korrettissimu kif mexa l-Korp. Dak

kwotat mir-rikorrenti jitratta sejbiet specifici fir-rigward ta' liema l-Korp sab li r-rapport preliminari tieghu ma kienx provda lir-rikorrenti b'dettall sufficjenti biex hija tkun tista' taghmel ir-rappresentazzjonijiet taghha. Il-Korp kien car meta qal li *"these 27 instances shall not be pursued further"*. Ir-rikorrenti qed tipprova taghmel kapital minn dan biex tipprova tghid li hija kienet imcahhda mill-opportunita' li taghmel rappresentazzjonijiet b'mod generali. Dan mhux minnu.

Fil-fatt il-paragrafu kwotat mir-rikorrenti juri bic-car kemm il-Korp jiehu bl-akbar serjeta' d-dritt tal-Persuna Suggetta li tiddefendi l-posizzjoni taghha – fejn ma kinitx nghatat dettall sufficjenti biex taghmel dan, il-Korp ma ndagax aktar u ma sabx ksur. Ir-rikorrenti ma tistax tghid li sofriet xi pregudizzju f'dan ir-rigward. Il-posizzjoni li ha l-Korp f'dan ir-rigward fil-fatt tkompli tikkonferma kemm il-process huwa intiz li jaghti smigh xieraq.

23. Illi dejjem minghajr pregudizzju u ghal dak li jirrigwarda l-piena amministrattiva imposta, jigi eccepit illi l-parametri tal-piena johorgu mil-ligi nfisha u kwindi r-rikorrenti kellha access u gharfien shih tas-sanzjonijiet li setghu jigu imposti fuqha, minghajr ma kien hemm ebda htiega li l-Korp jaghti xi pre-avviz specifiku dwar l-ammont tas-sanzjoni potenzjali. Il-Persuna Suggetta – bhala kull persuna ohra – hija prezunta li taf il-Ligi u ma tistax tistrieh fuq nuqqas ta' gharfien tal-Ligi – *ignorantia juris non excusat*. Dan specjalment fejn si tratta dwar Ligi specjali li tirregola b'mod partikolari l-kategorija ta' entitajiet jew individwi li jikklassifikaw bhala Persuna Suggetta in vista tal-attivitajiet li jkunu qieghdin jesercitaw.

Permezz tar-rapport preliminari, ossija l-*Potential Breaches Letter*, il-Korp javza li jkun jidher illi seta' kien hemm ksur ta' Ligi u jaghti d-dettalji kollha relattivi ghal dak il-ksur biex il-Persuna Suggetta tkun tista' tiddefendi ruhha. Madanakollu, hija l-Ligi nnifisha li tipprovdi ghas-sanzjonijiet li ghandhom jigu imposti f'kaz ta' ksur ta' Ligi. Ebda Persuna Suggetta li jigi indikat lilha l-ksur potenzjali, ma tista' tghid li ma tafx x'sanzjonijiet jistghu jigu imposti – *ignorantia juris non excusat*, kif inghad.

24. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-piena amministrattiva giet imposta skond il-ligi. Jigi rilevat ukoll illi huwa min-natura ta' process amministrattiv illi l-entita' munita bil-poter

decizjonarju jkollha element ta' diskrezzjoni fl-ezercizzju ta' dak il-poter decizjonarju taghha. B'daqshekk ma jfissirx li sehh xi ksur ta' xi drittijiet fundamentali tal-Persuna Suggetta. Inoltre, u fi kwalsijasi kaz, il-Korp ezercita d-diskrezzjoni tieghu b'mod gust u ragjonevoli pero' din mhix kwistjoni ta' drittijiet fundamentali izda propju l-mertu tal-appell li ghadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell. U kwindi in kwantu r-rikors huwa premess fuq il-mod kif il-Korp jezercita jew ezercita d-diskrezzjoni tieghu jew fuq il-mod kif jinterpreta jew interpreta l-ligi u r-regolamenti, it-talbiet ma jistghux jigu milqugha billi m'humiex talbiet ta' natura Kostituzzjonali jew Konvenzjonali izda huwa biss mertu tal-appell taht il-Ligi ordinarja. Dan huma semplicement tentattiv li jigi kkreat appell tat-tielet istanza, haga li certament il-ligi ma tittollerax u ma ghandux ikun li l-process Kostituzzjonali jigi abbuzat b'dan il-mod.

25. Illi minghajr pregudizzju fir-rigward tal-allegazzjoni illi r-rikorrenti giet sforzata tinkrimina ruhha, jigi eccepit qabel xejn illi dak id-dritt li japplika biss fil-kamp kriminali u ghalhekk m'ghandux rilevanza ghal dawn il-proceduri. Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju, l-allegazzjoni hija kompletament infondata.

26. Illi minghajr pregudizzju l-Korp jezercita l-irwol supervizorju tieghu, li huwa essenzjali ghall-funzjoni tieghu ta' monitoragg tas-settur finanzjarju fil-pajjiz fil-glieda kontra l-hasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terrorizmu. Jekk il-Korp jitlob li jara dokumentazzjoni, li suppost il-Persuna Suggetta hija obbligata bil-ligi li zzomm, u l-Persuna Suggetta tonqos li tforni dik id-dokumentazzjoni jew informazzjoni, il-Korp ma jistax jassumi li dik id-dokumentazzjoni tezisti jekk ma jkunx raha, u stante n-natura regolatorja tal-ksur huwa evidenti li jekk il-Persuna Suggetta ma tissupplixxix dokument jirrizulta li tkun naqset li tonora l-obbligu legali taghha li jkollha dak id-dokument fil-pussess taghha u disponibbli ghall-iskrutinju tal-Korp. Ma tistax il-Persuna Suggetta tippretendi li ma tfornix evidenza tal-fatt li hija qed issegwi l-obbligi imposti fuqha mil-ligi, u tippretendi fl-istess hin li tigi ezentata mis-sanzjoni jew li jigi prezunt li hija kienet konformi mal-ligi minghajr ebda evidenza li verament qdiet l-obbligi taghha. Jekk il-Persuna Suggetta tkun imxiet mal-obbligi imposti fuqha bil-ligi, tali obbligu jimponi wkoll li jkollha evidenza f'idejha ta' dak l-istat ta' fatt, u l-fatt li ma tipproduci ebda evidenza jfisser li l-Korp ma jistax jiddetermina li l-Persuna Suggetta qdiet l-obbligi taghha. Ghalhekk ir-rikorrenti ma ghandhiex ragun tghid li batiet xi nuqqas ta' parita' ta' armi u lanqas

li giet imgieghela b'xi mod tinkrimina ruhha (dan apparti li mkien ma ntwera x'kien ir-reat li suppost inkriminat ruhha bih).

Hawnhekk ta' min jirrileva wkoll illi lanqas fi proceduri li huma strettament penali (haga li l-proceduri quddiem il-Korp **ma humiex**) ma jitqies li certu obbligi regolatorji jwasslu ghal xi ksur bhal dak li tilmenta minnu r-rikorrenti, ahseb u ara fil-kaz odjern li huwa wiehed **purament amministrattiv**. Fil-fatt anke fi proceduri penali bhal per ezempju dawk li jittrattaw ksur tal-obbligi tal-principal (*employer*) fil-qasam tal-*health and safety* il-Qorti hija marbuta li ssib lill-imputat hati jekk per ezempju ma jkunx ghamel *risk assessment* jew jekk dan ir-*risk assessment* ma jkunx adegwat, u b'daqshekk ma jkunx hemm ksur tad-dritt ghas-smiegh xieraq u lanqas ma jfisser li l-Ligi tkun gabet lill-imputat f'pozizzjoni li jinkrimina ruhu. Kif inghad mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet *The Republic of Malta vs Gregory Robert Eyre and Susan Jayne Molyneaux* deciza fl-1 ta' April 2005, "*there may be circumstances in which it is only fair that the onus of proving certain facts, especially facts which lie within the particular knowledge of the accused, should rest on the accused himself*". Zgur ghalhekk li jekk lanqas hemm ksur ta' drittijiet fundamentali fejn il-Ligi stess tiddefinixxi l-ksur tal-obbligu bhala reat kriminali (bhal fil-kaz tal-*health and safety*), aktar u aktar ma jistax jinghad li fil-kaz odjern l-obbligu regolatorju fil-qasam tad-dritt amministrattiv tar-rikorrenti b'xi mod jilledi xi dritt.

27. Illi minghajr pregudizzju, lanqas ma tqum ebda kwistjoni ta' *ne bis in idem*. Ir-rikorrenti mhix tiddistingwi bejn il-Korp u s-Sanctions Monitoring Board ("SMB"), li huma zewg entitajiet separati u distinti minn xulxin u jaqdu funzjonijiet gha kollox differenti minn xulxin. L-SMB huwa l-awtorita' kompetenti ghas-sorveljanza tal-implementazzjoni u l-konformita' ma *targeted financial sanctions.* Il-vjolazzjonijiet riskontrati mill-SMB jirrigwardaw l-obbligi tal-Persuna Suggetta ai termini tal-Artikolu 17(6) tal-Kap 365 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar Poteri li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali). Iz-zewg proceduri jemanu minn ligijiet differenti u jikkonsidraw obbligi differenti. Ghalkemm ir-rikorrenti giet immultata mill-esponent u mill-SMB, dawn kienu multi ghal vjolazzjonijiet separati u distinti minn xulxin, bi ksur ta' ligijiet differenti u naxxenti minn fatti distinti. B'hekk ma hemmx lok ghall-oggezzjoni tan-*ne bis in idem* ghax la hemm l-identita' tal-fatt u lanqas tal-offiza. Il-fatt li l-

informazzjoni ghall-fini taz-zewg processi ingabret fl-istess zjara ma jnehhi xejn minn dan u hija l-ligi stess li tippermetti hekk.

28. Illi ghalhekk ghar-ragunijiet kollha hawn fuq imsemmija ma sar ebda ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

29. Illi minghajr pregudizzju, iz-zjara giet kondotta interament skond il-ligi u entro l-poteri li l-ligi taghti lill-Korp esponent. Assolutament mhux il-kaz li din kienet xi forma ta "raid", kif tallega r-rikorrenti. Ladarba, l-esponent ghandu l-obbligu ta' moniteragg u s-setgha li jaghmel zjarat biex jikkonferma jekk il-Persuni Suggetti humiex jaqdu l-obbligi taghhom, bilfors li irid ikollu access ghal certu *data* propju sabiex iwettaq dan l-ezami dwar konformita'. Dan kollu sar entro l-poteri li l-Korp ghandu skond il-ligi u assolutament ma kien hemm xejn kontra l-ligi fil-mod kif tmexxiet il-*compliance visit*, kuntrarjament ghal dak li qieghda tallega r-rikorrenti.

30. Illi minghajr pregudizzju, il-Kap 373 jaghti lill-Korp il-poter illi jingagga terzi li jqis li jkollhom il-kompetenza xierqa biex jassistuh fit-twettieq ta' hidmiet specifici tieghu. Fil-kaz odjern, il-Korp esercita' dak il-poter u appunta espert ("Appointed Expert"). L-ispezzjoni saret minn nies awtorizzati skond il-ligi u mhuwiex minnu illi kien hemm individwi li ma kienux debitement awtorizzati.

    Lanqas ma hu minnu li kien hemm xi konflitt ta' interess fir-rigward tal-"Appointed Expert". Ir-relazzjoni bejn l-"Appointed Expert" u l-Korp hija regolata kontrattwalment u legalment u bis-sahha ta' hekk l-"Appointed Expert" ghandha l-obbligu li tigbor l-informazzjoni necessarja u tahzen l-istess skond il-kuntratt li ghandha mal-Korp u dejjem skond il-ligi. Il-hatra tal-"Appointed Expert" hija limitata u dak l-espert ma jkollu ebda rwol fid-determinazzjoni finali dwar jekk hemmx ksur ta' ligi jew le mill-Persuna Suggetta. Fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju, it-terz koncernat mhuwiex parti f'dawn il-proceduri u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tistharreg jekk entita' li mhix partecipi f'dawn il-proceduri kellux xi konflitt ta' interess.

31. Illi minghajr pregudizzju, ghal dak li jirrigwarda l-gbir ta' *data,* jigi eccepit illi, ghalkemm fil-premessi tar-rikors promotur ir-rikorrenti

tallega ksur tal-GDPR[9], ma hemm ebda talba f'dan ir-rigward u ghalhekk mhuwiex il-kaz illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddetermina jekk kienx hemm ksur ta' dan it-tip. Fi kwalsijasi kaz materja dwar ksur ta' GDPR ma taqax fil-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti, u l-GDPR ma hijiex dritt Kostituzzjonali jew Konvenzjonali.

32. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju, kien mehtieg li tingabar id-*data* sabiex jittiehed ritratt tal-istat ta' dik id-*data* fil-mument tal-*compliance visit* u b'hekk jigi assigurat li tali *data* ma tigix sussegwentement imbaghbsa. Kull apparat elettroniku u indirizz tal-*email* li minnu giet ikkupjata d-*data* kien jintuza mill-ufficjali tar-rikorrenti ghal skopijiet ta' xoghol. Dan dejjem sabiex din tkun tista' tigi analizzata mill-Korp biex jigi determinat jekk ir-rikorrenti kinitx qieghda taderixxi ruhha mal-obbligi legali taghha. Il-gabra u l-hazna tad-*data* migbura saret skond ir-rekwiziti kollha tal-ligi. L-ingagg tal-espert, li sar formalment, jinkludi wkoll is-salvagwardji kollha necessarji f'dan is-sens.

33. Illi ghalhekk ma sar ebda ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni u lanqas ma kien hemm ksur tal-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni.

34. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ma japplikawx ghall-fatti kif dikjarati fir-rikors promotur u ma jirrizulta l-ebda ksur tal-imsemmija artikoli.

35. Illi minghajr pregudizzju u ghal dak li jirrigwarda l-pubblikazzjoni tal-decizjoni tal-Korp, jigi bir-rispett eccepit illi tali pubblikazzjoni saret skond il-ligi, ossia l-artikolu 13C tal-Kap 373, u assolutament ma tilledi ebda dritt fondamentali tar-rikorrenti.

36. Illi inoltre l-artikolu 13C jirregola kwistjoni purament procedurali; ma jirregolax jekk il-Persuna Suggetta hix ser tehel multa jew kemm ser tkun dik il-multa, izda sempliciment jistabbilixxi obbligu fuq il-Korp biex jippubblika u kif ghandha ssir tali pubblikazzjoni. Dan bl-ebda mod ma jolqot is-sostanza tad-decizjoni innifisha izda hija kwistjoni procedorali. Huwa principju ben stabbilit illi r-regoli

[9] REGOLAMENT (UE) 2016/679 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar ilmoviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data).

procedorali applikabbli huma dejjem dawk fis-sehh fid-data tad-decizjoni relattiva. Bl-istess mod anke min tinqata' sentenza kriminali kontra tieghu (li huwa ferm aghar mix-xenarju li ghandna quddiemna ghaliex id-decizjoni mehuda mill-Korp esponent hija wahda **amministrattiva** u mhux kriminali), dik id-decizjoni tigi ppubblikata u tkun *in the public eye* anke jekk ikun ghad hemm appell pendenti, u anke jekk l-effett ta' dik is-sentenza jista' jkollu konsegwenzi fuq ir-reputazzjoni tal-akkuzat.

37. Illi minghajr pregudizzju, jigi wkoll rilevat ukoll illi l-pubblikazzjoni giet debitement aggiornata skond il-ligi hekk kif ir-rikorrenti ressqet l-appell amministrattiv taghha u tali aggiornament jindika bic-car illi d-decizjoni qieghda tigi appellata.

38. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fir-rigward tal-allegat ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni, jigi bir-rispett sottomess illi ma jirrizulta ebda ksur tal-imsemmi Artikolu. Inoltre jigi rilevat illi l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni jiggarantixxi lil kull individwu rimedju effettiv ghall-ksur tad-drittijiet Konvenzjonali. Certament li r-rikorrenti qed tikkontradixxi lilha nfisha meta f'nifs wiehed qed tinqeda bil-fakolta' li jaghtiha l-ordinament guridiku Malti li taghmel kawza Kostituzzjonali u fl-istess nifs tghid li dak l-ordinament guridiku mhux qed jaghtiha access ghal rimedju effettiv. Dan dejjem minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet suesposti stante li l-Korp bl-ebda mod ma jaqbel mat-talbiet tar-rikorrenti. Ghandu jigi rilevat ukoll illi rimedju effettiv mhux bilfors iwassal ghar-rizultat li tixtieq ir-rikorrenti, jigifieri jekk dak li qed titlob ir-rikorrenti minn din l-Onorabbli Qorti ma jinghatax b'daqshekk ma jfissirx li hija ma kellhiex rimedju disponibbli ghaliha.

39. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ebda disposizzjoni tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti sussidjarji bl-ebda mod ma jilledu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, u l-Korp esponent fi kwalsijasi kaz, mexa skond il-Ligi fil-process amministrattiv kollu kemm hu, inkluz mill-bidu tal-*compliance visit* sal-ghotja tad-decizjoni u l-piena amministrattiva, u ma wettaq ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti u ghalhekk l-allegazzjonijiet rikorrenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

40. Illi għalhekk il-process ta' *compliance review* u d-decizjoni tal-Korp fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti, inkluz il-piena amministrattiva imposta, huma lkoll validi u skond il-Ligi.

41. Illi għalhekk ukoll l-esponent ma jista' jigi dikjarat responsabbli ta' l-ebda danni ta' kwalsijasi xorta fil-konfront tar-rikorrenti.

42. Illi assolutament minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li din il-Qorti jidhrilha li xi wahda jew aktar mit-talbiet tar-rikorrenti jimmeritaw li jigu milqugha (u dan qed jinghad purament ghall-grazzja tal-argument, billi l-Korp esponenti jidhirlu li dawk it-talbiet ghandhom effettivament jigu michuda fl-interezza taghhom) allura f'dak il-kaz dikjarazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali ghandha tkun sufficjenti u m'ghandux ikun il-kaz li l-Qorti tiffissa ebda kumpens jew danni.

43. Illi minghajr pregudizzju, jinghad ukoll illi ebda talba ghal hlas ta' danni m'ghandha tintlaqa' ghaliex ma saret ebda referenza fir-rikors promotorju dwar xi danni morali sofferti mir-rikorrenti u wisq inqas saret talba ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilta` ghal danni morali u talba ghal kwantifikazzjoni tal-istess.

44. Illi fi kwalsijasi kaz u assolutament minghajr pregudizzju jekk din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li ghandha takkorda xi kumpens jew dannu iehor, dan ghandu jkun in linea man-natura ta' rimedju solitament moghti f'kawzi Kostituzzjonali u mhux rimedji li jistghu jigu rizarciti bi proceduri civili ordinarji.

45. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, it-talbiet kollha kontenuti fir-rikors kostituzzjonali imressaq mir-rikorrenti Em@ney p.l.c. ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat li, b'ordni ta' din il-Qorti tal-1 ta' Frar 2023[10], il-kawza thalliet ghas-smigh, trattazzjoni u decizjoni dwar l-eccezzjonijiet preliminari mqajjma mill-intimati Avukat tal-Istat u Korp ghall-Analizi ta' Informazzjoni Finanzjarja (minn issa 'l quddiem imsejjah "FIAU") (flimkien imsejha 'l quddiem "Intimati").

Rat il-provi dokumentarji prezentati mill-partijiet fir-rigward.

Semghet lix-xhieda mressqa minnhom.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet prezentati mill-intimati dwar l-eccezzjonijiet preliminari;

Rat illi in-atti ma tirrizultax in-nota ta' sottomissjonijiet tar-Rikorrenti minkejja li nghatat l-estensjoni ta' zmien li talbet ghal dan il-ghan;

**Ikkunsidrat:**

1. Illi din hija sentenza dwar l-eccezzjonijiet ta' natura preliminari sollevati mill-intimati stante li kien meqjus li ghandha tinghata sentenza fir-rigward qabel il-prosegwiment tal-kawza;

2. F'dan l-istadju, ghalhekk, din il-Qorti ser tqis u tiddeciedi l-kwistjonijiet dwar (i) in-nullita' tal-azzjoni sollevata mill-intimata FIAU in kwantu l-Qorti tal-Appell (Inferjuri) diga' kkonkludiet li din il-lanjanza hija frivola u vessatorja, u minhabba f'hekk cahdet it-talba tar-Rikorrenti biex taghmel riferenza kostituzzjonali[11]; (ii) l-intempestivita' ta' din l-azzjoni sollevvata mill-intimat Avukat tal-Istat in kwantu r-Rikorrenti ghandha rimedji ordinarji x'tezawrixxi qabel tressaq ilment bhal dan[12]; u (iii) l-illegittimita' passiva tal-FIAU biex twiegeb ghall-ilmenti mressqa mir-Rikorrenti f'din l-azzjoni in

[10] Fol. 347
[11] Eccezzjoni enumata 1 fir-risposta tal-FIAU
[12] Ecezzjoni enumerata 2 fir-risposta tal-Avukat tal-Istat u dawk enumerati 3 sa 6 fir-risposta tal-FIAU.

kwantu dawn huma ta' natura kostituzzjonali, u dwar drittijiet fundamentali, li ghalihom jista' jirrispondi biss l-Avukat tal-Istat in rapprezentanza tal-Gvern ta' Malta.[13]

3. Mid-dokumenti ezibiti mir-rikorrenti Em@ney plc (minn issa 'l quddiem imsejha "**Rikorrenti**") mal-att promotur, u mill-intimat FIAU jirrizulta li:

(i) ir-Rikorrenti hija socjeta' kummercjali registrata skond il-ligijiet f'Malta, b'ufficju registrat f'Ta' Sliema;

(ii) mhux kontestat li r-Rikorrenti taghmel *"kummerc finanzjarju rilevanti"*, u li ghalhekk hija *"Persuna Suggetta"* ghall-finijiet tal-Att Kontra Money Laundering (Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-legislazzjoni sussidjarja taht l-istess Att;

(iii) b'ittra datata 7 ta' Ottubru 2019[14], FIAU avza lir-Rikorrenti li kien ser iwettaq *"comprehensive and in depth on-site and off-site examination of the Company's operations"*, li kien ser jibda dakinhar stess, bl-assistenza ta' esperti minn FTI Consulting LLP, kollox fit-termini tal-poteri moghtija lilu bl-art. 26 u 26A tal-Kap. 373;

(iv) fix-xhur ta' Ottubru u Novembru 2019, FIAU zaret l-ufficjju tar-Rikorrenti u wettqet *"compliance examination"*, u s-sejbiet preliminari dwar ksur potenzjali tal-ligi u r-regolamenti gew rappurtati permezz ta' *Compliance Examination Report* datat 9 ta' Lulju 2020[15];

(v) bl-imsemmi *Compliance Examination Report*, ir-Rikorrenti inghatat zmien xahar sabiex tiskolpa ruhha bil-miktub, u bil-provi li jissostanzjaw tali difizi – *"Em@ney plc is invited to submit any representations and/or clarifications that the Firm may have in relation to the findings of this compliance review which are set out in this report which*

[13] Eccezzjoni enumerata 6 fir-risposta tal-FIAU
[14] Fol. 303 sa 306
[15] Ara Dok. E anness mar-Rikors promotur, fol. 159 *et seq.*

*are indicative of potential breaches of the PMLFTR and the FIAU IPs. If applicable, representations and/or clarifications are to be substantiated by supporting documentation. Representations and/or clarifications should be submitted in writing and rare to be addressed to the FIAUs Compliance Monitoring Committee. The Firm is also expected to provide the FIAU with any evidence it has availabe to substantiate its representations. Submissions should reach the FIAU by not later than one month form the date of receipt of this letter ..."*[16];

(vi) fit-23 ta' Lulju 2020[17], FIAU laqghet it-talba tar-Rikorrenti ghal estensjoni ta' zmien sabiex tintbaghat it-twegiba;

(vii) ir-Rikorrenti wiegbet ghall-imsemmija allegazzjonijiet permezz ta' rapport dettaljat, u diversi dokumenti annessi, datat 29 ta' Awissu 2020 ;

(viii) fis-17 ta' Lulju 2020[18], il-Bord ta' Sorveljanza dwar is-Sanzjonijiet imwaqqaf taht l-<u>Att dwar Poteri li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali</u> (Kap. 365 tal-Ligijiet ta' Malta) baghat javza lir-Rikorrenti li kien infurmat bir-rizultanzi tal-FIAU f'din l-investigazzjoni, u li FIAU rrappurtat li kien sehh ksur tal-**art. 17(6)** tal-Att kif hemm elenkat. Ir-rikorrenti inghataw zmien sal-11 ta' Awissu 2020 sabiex iwiegbu bil-miktub. Ir-rikorrenti wiegbu, u l-Bord iddecieda li kien sehh ksur, u mpona fuq ir-Rikorrenti multa ta' €800[19] li r-Rikorrenti accettat u halset[20];

(ix) FIAU tat id-decizjoni finali taghha fit-28 ta' April 2021[21] li permezz taghha imponiet fuq ir-Rikorrenti penali amministrattiva ta' €359,339 (tlett mija u disgha u hamsin elf tlett mija u disgha u tletin Ewro) li kellha tithallas fi zmien ghoxrin (20) jum, b'indikazzjoni li

[16] Fol. 196
[17] Fol. 154 sa 156
[18] Fol. 314
[19] Fol. 315
[20] Fol. 316 sa 317
[21] Fol. 83 sa 153

din id-decizjoni setghet tigi appellata fit-termini tal-**art. 13A** tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta;

(x) sunt ta' din id-decizjoni kien pubblikat fil-forma ta' *Administrative Measure Publication Notice* b'avviz datat 30 ta' April 2021[22];

(xi) ir-Rikorrent ressqet appell minn din id-decizjoni – Appell Numru 54/2021LM – li qed jinstema' bil-maghluq, u ghadu pendenti.[23]

4. L-Intimati pprezentaw kopja ta' digriet moghti mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-kors tal-appell appena msemmi, datat 26 ta' Novembru 2021, li permezz tieghu l-Qorti ezaminat it-talba tar-Rikorrenti odjerni sabiex taghmel riferenza kostituzzjonali lil din il-Qorti biex tezamina u tiddikjara jekk kienx hemm ksur tad-drittijiet fundamentali taghha billi tindaga dwar il-lanjanzi kostituzzjonali u ta' drittijiet fundamentali imqajjma fl-istess procediment ta' appell. In succint, il-Qorti tal-Appell ((Inferjuri) qieset li dan l-ilment jirrigwardja *"s-siwi kostituzzjonali u konvenzjonali tal-artikoli 13 u 13B Kap. 373 u tar-Regolament 21 tal-Ligi Sussidjarja 373.01, li ta s-setgha lill-appellat FIAU li jimponi il-penali amministrattiva ta' tliet mija u disgha u hamsin elf tliet mija u disgha u tletin Euro (€359,339) fuq is-socjeta' appellanta permezz ta' ittra datata 28 ta' April, 2021"*[24]. Wara li ccitat il-principju li *"biex l-ewwel qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha jehtieg li l-ligi ordinarja taghti rimedju prattiku, accessibbli, effettiv, adegwat u shih ghal-lanjanza tar-rikorrent. Mhuwiex necessarju success garantit, basta li r-rikorrent ikollu l-opportunita' fil-ligi ordinarja li jakkwista tali rimedju bl-applikazzjoni ta' din il-ligi"*[25], il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) qieset li:

[22] Fol. 307 sa 313

[23] Ara dokumenti sigillati, fol. 414

[24] Fol. 349B *et seq.*, pg. 7

[25] **John Grech vs Onor. Prim'Ministru, Qorti Kostituzzjonali**, 31.1.2014, ara pg. 7, fol. 349H

(i) id-decizjoni tal-intimat FIAU tat-28 ta' April 2021 li minnha sar dan l-appell ghadha mhix finali u definittiva sad-data ta' din is-sentenza;

(ii) jekk ikun milqugh l-appell, din il-penali amministrattiva tithassar ghal kollox;

(iii) dan ir-rimedju ta' appell, fuq punti ta' fatt u ligi, huwa rimedju ordinarju effettiv ghall-finijiet tal-**art. 46(2)** tal-Kostituzzjoni u **4(2)** tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

(iv) ir-Rikorrenti ghazlet li tutilizza dan ir-rimedju, li pero' ghadu miftuh u mhux determinat finalment;

(v) fil-kors tal-ezercizzju ta' dan ir-rimedju, ir-Rikorrenti talbet li tressaq il-provi, u din it-talba taghha kienet milqugha;

(vi) ladarba r-Rikorrenti ghazlet li tesperixxi dan ir-rimedju, ma tistax tqajjem kwistjonijiet ta' indoli kostituzzjonali quddiem dik il-Qorti;

(vii) jekk, wara t-tmiem tal-appell, ir-Rikorrenti jidhrilha li t-thaddim ta' dan ir-rimedju jkun kiser il-jeddijiet fundamentali taghha, ma jkun hemm xejn xi jzommha milli tressaq kawza kostituzzjonali biex tipprocedi kif jidrilha;

5. Ir-Rikorrenti ressqet b'xhud taghha lil Dr. Jean Paul Cassar[26], Court Litigation Manager tal-FIAU. Huwa kkonferma li f'hames kazijiet indikati lilu, din il-Qorti (diversament presjeduta) sabet ksur tad-drittijiet fundamentali bl-applikazzjonijiet tad-disposizzjonijiet tal-ligi li Dr. Cassar ikkonferma li l-FIAU applika f'dan il-kaz ukoll. Dr. Cassar qal li l-FIAU ma qabilx ma' dawk id-decizjonijiet u ressaq appell minnhom, li kienu ghadhom pendenti. Skond ix-xhud, ir-rimedju ordinarju disponibbli lir-Rikorrenti li

[26] Ara xiehda, 24.11.2023, fol. 358 sa 364

jimpedixxi l-ezercizzju ta' dan ir-rimedju kostituzzjonali f'dan l-istadju huwa r-rimedju tal-appell, li r-Rikorrenti qed tezercita kontestwalment. Dak ir-rimedju jippermettilha tikkontesta l-multa amministrattiva mposta fuqha, kemm fuq punti ta' ligi u anke fuq punti ta' fatt. Huwa nsista li l-FIAU jagixxi fit-termini tal-ligi li tirregolah, u hekk baqa' jaghmel minkejja dawn il-pronunzjamenti. Kull decizjoni tittiehed minn livell manigerjali oghla mill-grad tax-xhud. Qal ukoll li, personalment, ma kienx involut fil-gbir tat-taghrif minghand ir-Rikorrenti waqt l-ispezzjonijiet.

6. Ir-Rikorrenti ressqet ukoll b'xhud taghha lil Dr. Mary Grace Vella[27] li kkonfermat il-lanjanzi mressqa fir-Rikors promotur, bil-gurament taghha fil-kwalita' taghha ta' *Money Laundering Reporting Officer* ("MLRO") tar-Rikorrenti. Hija rreferiet ghas-sentenzi tal-Prim'Istanza f'diversi kazijiet fejn din il-Qorti, diversament presjeduta, iddikjarat bhala null u bla effett l-**art. 13** tal-Kap. 373 ghaliex leziv tad-drittijiet fundamentali ta' min ressaq l-ilment. Hija ddikjarat li ma kinetx prezenti meta saret it-tfittxija mill-FIAU, pero' rat ritratti, rekordings, u konsegwenzi taghha. Il-bibien kienu ssigillati erba' darbiet, inkluz tal-ghamara, u kollox imqieghed fuq xulxin. Waqqfu anke l-operat tas-SEPA u SWIFT. Waqt li kienet qed issir it-tfittxija, ma setghux jittiehdu filmati taghha, u l-ufficjali tal-FIAU ezigew li jibqghu fil-post wahedhom minghajr ma kien hemm prezenti r-rapprezentanti tar-Rikorrenti. Min kien intervistat ma nghatax kopja tat-traskrizzjoni tat-twegibiet tieghu, minkejja li talabha. Il-mod kif agixxew mas-sistemi elettronici tal-kumpanija kkagunalhom hsara. Hadu wkoll il-*hardrives*, li r-Rikorrenti eventwalment skopriet li ttelghu fuq *servers* kummercjali, u li sal-lum ma tafx sa fejn imxiet l-informazzjoni appartenenti lilha. Semmiet ukoll li, min ezegwixxa din it-tfittxija elettronika, ma kellux mandat biex iwettaqha, ghaliex il-mandat hareg biss favur kumpanija wahda, mentri min wettaqha kien gej minn kumpanniji differenti. Ix-xhud qalet li l-provi kollha relattivi tressqu quddiem il-Qorti tal-Appell (Inferjuri). Id-*data* li ttiehdet minghand ir-Rikorrenti ma nghatatx

[27] Ara xiehda, 24.11.2023, fol. 365 sa 372

access ghaliha, u kollox tqieghed fuq il-*cloud* b'dettalji li kienu ordnati jinghataw impjegati tar-Rikorrenti.

**Ikkunsidrat li:**

7. L-ewwel kwistjoni li trid tiddeciedi dwarha din il-Qorti hija d-difiza mressqa mill-intimat FIAU li din l-azzjoni hija nulla billi l-Qorti tal-Appell (Inferjuri) diga' cahdet talba ghal riferenza kostituzzjonali dwar l-istess lanjanzi mressqa f'din l-azzjoni, fil-kors tal-appell li r-Rikorrenti intavolat fit-termini tal-ligi ordinarja kontra d-decizjoni tal-FIAU u l-penali amministrattiva mposta biha fuq ir-Rikorrenti.

8. Il-punt tat-tluq fir-rigward ta' din l-eccezzjoni hija l-konsegwenza fil-ligi tar-rifjut minn qorti ta' gurisdizzjoni ordinarja li taghmel riferenza lil qorti ta' kompetenza kostituzzjonali, ghaliex tqis li l-ilment imressaq huwa semplicement frivolu u vessatorju. L-**art. 46(3)** u **(5)** tal-Kostituzzjoni jipprovdu hekk:

> (3) Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili **kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja**; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni.
>
> …
>
> (5) **Ma jkunx hemm appell minn xi deċiżjoni skont dan l-artikolu li xi talba jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni tkun sempliċement frivola jew vessatorja.**

Din id-disposizzjoni hija riflessa ukoll fl-**art. 4(3)** u **(5)** tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta);

9. Ezaminat ir-Rikors tal-Appell[28] li r-rikorrenti ressqet mid-decizjoni tal-FIAU moghtija fit-28 ta' April 2021[29] quddiem il-Qorti tal-Appell (Inferjuri), fit-termini tal-**art. 13A** tal-Kap. 373, jemergi li l-ilmenti dwar allegati ksur ta' drittijiet fundamentali bil-ligi rilevanti, u bit-thaddim taghha, huma prattikament l-istess ghal dawk imressqa bir-Rikors promotur f'din.

10. Il-kunsiderazzjonijiet li ghamlet il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) biex waslet li tichad it-talba tar-Rikorrenti sabiex taghmel ir-riferenza lil din il-Qorti, minhabba f'dawk il-lanjanzi, u tqishom bhala *"semplicement frivoli u vessatorji"* f'dak l-istadju huma s-segwenti:

> *"9. Tqis ukoll li d-decizjoni tal-Korp appellat tat-28 ta' April, 2021, li minnha qeghda tilmenta l-appellanta, ghadha mhijiex wahda finali u definittiva u hija soggetta ghal dan l-appell, li qieghed isir a tenur tal-artikolu 13A tal-Kap. 373. Il-Qorti tqis ukoll li l-appell odjern jista' jkollu l-ezitu li l-penali amministrattiva imposta mill-appellat FIAU tigi mhassra ghal kollox,* ***u ghalhekk it-talba ghal Referenza Kostituzzjonali f'dan l-istadju, tista' titqies intempestiva****. Il-Qorti tqis li l-appellant ghandu rimedju ordinarju effettiv ai termini tal-artikolu 13A tal-Kap. 373, u ghalhekk ghadhom disponibbli ghall-appellant mezzi xierqa ta' rimedju ghall-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali taghha kif ikkontemplat fil-provisos ghall-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tas-subartikolu 4(2) tal-Kap. 319.*[30]
>
> *10. Ghalhekk* ***tqis li t-talba ghal Riferenza Kostituzzjonali maghmula f'dan l-istadju, hija frivola u vessatorja, tenut***

[28] Ara Dok. A anness mar-Rikors, fol. 21 *et seq.*
[29] Jirriuzlta lil Qorti li dan huwa mholli ghal-20 ta' Gunju, 2025.
[30] Ara f'dan is-sens ukoll il-konkluzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **XNT Limited vs Il-Korp ghall-Analizi ta' Informazzjoni Finanzjarja et**, Rik. Nru. 300/2022/82, Qorti Kostituzzjonali, 18.11.2024

***kont ukoll li r-rimedju li ghadu miftuh ghas-socjeta' appellanta bir-rikors tal-appell taghha, jestendi mhux biss fuq punti ta' ligi, imma anki fuq il-mertu.*** *Tqis ukoll li ladarba r-rimedju ordinarju ghadu mhux ezawrit, is-socjeta' appellanta ghad ghandha l-opportunita' li tikseb dak li trid permezz ta' rimedju ordinarju kontemplat mil-ligi.*

*11. Tqis ukoll li ladarba is-socjeta' appellanta ghazlet li tressaq il-kaz taghha quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) taht l-artikolu 13A tal-Kap. 373, u sahansitra talbet li tigi awtorizzata tressaq il-provi taghha f'dawn il-proceduri, liema talba giet milqugha minn din il-Qorti, hija m'ghandhiex tqajjem kwistjonijiet ta' indoli kostituzzjonali f'dan il-forum, u jekk tassew riedet tilmenta dwar is-siwi kostituzzjonali u konvenzjonali tal-imsemmija ligi, imissha ghamlet dan billi ressqet kawza kostituzzjonali mill-ewwel.* ***Jekk l-appellanta wara l-ezitu ta' dawn il-proceduri tal-appell jidhrilha li t-thaddim tal-ligi fil-konfront taghha, illeda l-jeddijiet fundamentali taghha, m'hemm xejn xi jzommha milli tressaq kawza kostituzzjonali biex tattakka l-piena amministrattiva.***

*12. Ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, tqis li t-talba ghal riferenza kostituzzjoanli li saret mis-socjeta' appellanta, hija intempestiva, frivola u vessatorja, u ghalhekk tichad it-talba."*[31]

11. Dwar it-tifsir ta' konkluzjoni bhal dik, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Peter sive Pierre Falzon vs Kummissarju tal-Pulizija**[32]:

*"27. Kif ingħad diversi drabi, bil-kelma "frivola", ġie mill-Qrati mfisser illi kwistjoni ma tkun ta' l-ebda preġju jew siwi, u li ma jistħoqqilhiex attenzjoni. Bil-kelma "vessatorja" wieħed jifhem li l-kwistjoni tkun tqanqlet mingħajr raġunijiet tajbin biżżejjed u bil-ħsieb li ddejjaq u tirrita lill-parti loħra. Il-liġi żżid ukoll il-*

[31] Enfsi ta' din il-Qorti
[32] Rik. Nru. 15/22/2JVC, Qorti Kostituzzjonali, 20.1.2025

*kwalifika li l-kwistjoni tkun "sempliċement" frivola u vessatorja, jiġifieri tkun mill-ewwel u mad-daqqa t'għajn tidher "vana, nieqsa mis-serjeta', manifestament nieqsa mis-sens u ma jistħoqqilhiex attenzjoni."[3 Ara Kost. 23.11.1990 fil-kawża fl-ismijiet* ***Mifsud et v. L-Avukat Ġenerali et*** *(Kollez. Vol:LXXIV.i.227) u Kost. 10.5.1995 fil-kawża fl-ismijiet* ***Ciantar et v. Il-Prim Ministru ta' Malta*** *(Kollez. Vol: LXXIX.i.126)"*

12. Fis-sottomissjonijiet tieghu, l-iKorp intimat jaghmel accenn ghall-posizzjoni li hadu l-qrati meta kienu rinfaccjati b'azzjoni bhal din in segwitu ghal cahda ta' talba biex issir riferenza fuq l-istess ilmenti, fejn talba bhal dik tkun tqieset *"semplicement frivola u vessatorja"* f'dak l-istadju. Fi pronunzjament ricenti ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, li jinsab appellat quddiem il-Qorti Kostituzzjonali[33], jinghad dan li gej:

*"Illi f'ghajnejn il-Qorti huwa car ghalhekk illi dak li r-rikorrenti trid illi jigi diskuss u deciz hawnekk bil-kawza minnha hawnekk proposta, huwa fis-sustanza identiku ghal dak illi hija talbet referenza kostituzzjonali dwaru fil-kawza 349/2016/1. Il-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta, flismijiet* ***L-Avukat Dottor Anthony P. Farrugia vs Financial Intelligence Analysis Unit et****, deċiża fis-17 t'Ottubru 2022 u fejn il-Qorti għamlet referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, fl-ismijiet* ***Alfred Attard vs Avukat Ġenerali*** *deċiża fis-6 ta' Mejju 1992, u kkonkludiet is-segwenti: "Din is-sentenza stabbiliet li meta parti tħoss li jkollha kwistjoni ta' natura kostituzzjonali f'Qorti li ma tkunx il-Prim' Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali, il-parti tista` jew tiftaħ kawża quddiem din il-Prim' Awla nkella tqajjem il-kwistjoni quddiem il-Qorti li tkun qiegħda tisma` l-kawża u titlob referenza għal din il-Qorti. Jekk il-Qorti li tkun tisma` l-kawża tiddeċiedi li l-kwistjoni hija waħda frivola jew vessatorja, il-parti ma tistax imbagħad tiftaħ kawża fuq kwistjoni li tkun materjalment jew intrinsikament*

[33] **Mary Grech vs Avukat tal-Istat et**, Rik. Nru. 114/2022ISB, 16.1.2023 (appellat)

*konnessa mal-mertu tal-każ pendenti quddiem il-Qorti ordinarja, għaliex, jekk tagħmel hekk, effettivament dik il-parti tkun qiegħda tappella mid-deċiżjoni tal-Qorti ordinjarja li l-kwistjoni hija frivola jew vessatorja". Fil-fatt id-deċiżjoni fuq ċitata fl-ismijiet **Alfred Attard vs Avukat Ġenerali** tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Nicholas Ellul vs Kummissarju tal-Pulizija** deċiża fit-22 ta' Mejju 1991 u fejn il-Qorti kkonkludiet:*

*"(a) Kull meta f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali, xi waħda mill-partijiet jidhrilha li tirrikorri xi kwistjoni kostituzzjonali – dik il-parti tista: -*

*(i) tagħmel rikors quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili;*

*(ii) tqanqal il-kwistjoni quddiem il-Qorti fejn ikunu għaddejjin il-proċeduri u titlob lil dik il-Qorti biex tirriferixxi l-kwistjoni lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili;*

*(b) jekk u meta l-ewwel qorti tiċħad ir-riferenza għaliex il-kwistjoni mqanqla tirriżulta sempliċiment frivola u/jew vessatorja, allura l-parti ma tistax tirrokorri għall-proċedura tar-Rikors sabiex, fuq l-istess mertu tal-kwistjoni, effettivament tkun qed tappella minn dik id-deċiżjoni li lkwistjoni hija frivola u/jew vessatorja;*

*(c) l-ewwel qorti hija obbligata li tirrispetta l-ġurisdizzjoni esklussiva tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili f'kull kwistjoni li tirrigwarda l-artikolu 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni, b'mod illi, tali kwistjoni sollevata quddiemha għandha tiġi riżolta mhux minn dik il-Qorti imma mill-organi li għandhom dik il-ġurisdizzjoni – ħlief meta dik l-ewwel qorti, tqis li l-kwistjoni sollevata hija sempliċiment frivola u vessatorja".*

*Din il-Qorti m'għandha xejn xi żżid mal-insenjament tal-Qrati taghna kif fuq ċitat, ħlief li tagħmlu tagħha u għalhekk la darba stabbilit illi dak li r-rikorrenti trid illi jigi diskuss u deciz hawnekk bil-kawza minnha hawnekk proposta, huwa fis-sustanza identiku ghal dak illi hija talbet referenza kostituzzjonali dwaru …"*

13. Aktar rilevanti u ta' siwi ghall-kaz odjern hija s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Av. Dr Anthony P Farrugia vs**

**Financial Intelligence Analysis Unit et**[34], fejn l-*iter* tal-procediment kien ghalkollox identiku ghal dan il-kaz. Ir-rikorrent ressaq appell minn decizjoni tal-FIAU li biha kienet imposta kontra tieghu penali amministrattiva, fit-termini tal-**art. 13A** tal-Kap. 373, u fil-kors ta' dak l-appell, talab li l-Qorti tal-Appell (Inferjuri) taghmel riferenza kostituzzjonali lil din il-Qorti, fit-termini tal-**art. 46(3)** tal-Kostituzzjoni, u **4(3)** tal-<u>Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea</u>, dwar lanjanzi prattikament identici. Il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) waslet ghal istess konkluzjoni li waslet ghaliha fl-appell li ghadu pendenti quddiemha fil-kaz odjern, u l-Qorti Kostituzzjonali kellha dan xi tghid dwar azzjoni dwar ksur ta' drittijiet fundamentali li sussegwentement kien intavola r-rikorrent fuq l-istess mertu, qabel ma kien determinat b'mod finali l-appell fil-mertu:

> *23. Evidenti li l-leġislatur ma riedx jagħti dritt ta' appell fejn deċiżjoni taħt l-Art. 46 tkun iddikjarat li t-tqanqil ta' kwistjoni tkun sempliċement frivola jew vessatorja. Għalhekk m'għandux ikun li wara r-rikorrent jagħmel talba identika billi minflok jiftaħ kawża kostituzzjonali, fejn ovvjament ser jerġa' jiġi eżaminat il-punt. Dik il-materja ġiet determinata b'mod defenittiv fl-istadju meta r-rikorrent talab lill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) sabiex tordna referenza ai termini tal-Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni u Art. 4 tal-Kap. 319. Ir-raġunament li għamlet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) meta ċaħdet it-talba tar-rikorrent sabiex tordna referenza, fiha nnifisha turi li dik il-qorti kkunsidrat it-talba bħala "sempliċement frivola jew vessatorja" (Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni). Għalhekk il-fatt li fid-deċiżjoni il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ma inkluditx espressament il-kelma 'sempliċement' mhuwiex ta' vantaġġ għar-rikorrent.*
>
> *24. Ovvjament dan ir-raġunament qiegħed isir peress li l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) iddeċidiet li t-talba tar-rikorrent hi intempestiva, u għalhekk ma kkunsidratx u lanqas m'għaddiet ġudizzju dwar il-meritu tal-kwistjoni mqanqla mir-rikorrent. Bid-deċiżjoni li tat l-Ewwel Qorti, il-meritu tal-kwistjoni baqa'*

[34] Rik. Nru. 372/21/1, Qorti Kostituzzjonali, 25.10.2023

*impreġudikat għar-rikorrent għal wara li jkun deċiż l-appell li hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) mill-penali imposta fuqu.*

*25. Għalkemm fir-rikors tal-appell ir-rikorrent għamel referenza għal sentenzi li ngħataw f'kawżi kostituzzjonali wara li kienet ġiet mitħuda talba għal referenza, ma qalx li fihom kienet ingħatat deċiżjoni dwar eċċezzjoni identika għal dik li ddeċidiet l-Ewwel Qorti u li wasslet għall-appell in eżami.*

*26. Hu veru li l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ordnat is-soprasessjoni tal-appell sakemm tinqata' din il-kawża. Dik il-Qorti spjegat għalfejn laqgħet it-talba u ovvjament ma kkunsidratx l-eċċezzjoni ta' nullità tar-rikors promotur li ngħatat f'din il-kawża. Għalhekk il-fatt li laqgħet it-talba għas-soprasessjoni m'hu tal-ebda benefiċċju għar-rikorrent biex jegħleb l-eċċezzjoni ta' nullità.*

14. Din il-Qorti hija tal-istess fehma espressa fl-ahhar zewg sentenzi appena citati, u ghalhekk jidhrilha li ghandha tilqa' l-ewwel eccezzjoni mqajjma mill-intimat FIAU.

**Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari mqajjma mill-intimat Korp ghall-Analizi ta' Informazzjoni Finanzjarja, u konsegwentement tiddikjara r-rikors promotur irritu u null.**

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti**.

---

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**
**Imħallef**

**Nicole Cini**
**Deputat Reġistratur**